IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.10.2024
COM(2024) 385 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Politika tal-Kummerċ tal-UE

{SWD(2024) 386 final}

## WERREJ


I. INTRODUZZJONI ..... 2

I.1 Sommarju eżekuttiv ..... 2

I.2 Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport ..... 6

II. UŻU SĦIĦ TAL-FTEHIMIET KUMMERĊJALI BILATERALI TAL-UE ..... 8

II.1 Kummerċ ma' sħab preferenzjali – l-iżviluppi ewlenin fl-2023 ..... 8

II.2 L-avvanz tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali tal-UE ..... 12

III. GĦAJNUNA LILL-INTRAPRIŻI ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU SABIEX ISIBU POSTHOM FIL-KUMMERĊ GLOBALI ..... 20

IV. L-INDIRIZZAR TAL-OSTAKLI U S-SEJBIEN TA' SOLUZZJONIJIET ..... 23

IV.1 Is-sitwazzjoni attwali u x-xejriet fl-2023 ..... 23

IV.2 Infurzar bilaterali u multilaterali tal-impenji kummerċjali: soluzzjoni għat-tilwim ..... 30

IV.3 Il-Punt ta' Dħul Uniku ..... 32

# I. Introduzzjoni

## I.1 Sommarju eżekuttiv[1]

Dan ir-rapport jagħmel enfasi qawwija fuq il-**valur tan-network b'saħħtu tal-UE ta' ftehimiet kummerċjali**. Fi tmiem l-2023, l-UE kellha 42 ftehim kummerċjali preferenzjali fis-seħħ ma' 74 sieħeb[2], li jkopru EUR 2,3 triljun jew 45,8 % tal-kummerċ estern totali tal-UE. Il-ftehimiet ikomplu jiftħu s-swieq għan-negozji tal-UE, b'mod partikolari s-680 000 intrapriża żgħira u ta' daqs medju (SMEs) li jesportaw, u jgħinuhom jaqbdu mas-swieq tat-tkabbir filwaqt li jserrħu fuq sett ta' regoli stabbli u aktar prevedibbli.

**Il-ftehimiet kummerċjali tal-UE jappoġġaw il-prosperità** u t-tkabbir, **u jgħinu lill-kumpaniji tal-UE jikkompetu** maż-żieda rapida ta' pajjiżi terzi oħra. Pereżempju, is-sehem tal-UE fl-importazzjonijiet tal-*Asia4* (jiġifieri s-sħab tal-ftehim ta' kummerċ ħieles (FTA) il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, il-Vjetnam u Singapore) baqa' stabbli b'madwar 9 %-10 % bejn l-2008 u l-2022. B'kuntrast ma' dan, is-sehem tal-UE fl-importazzjonijiet ta' pajjiżi li ma humiex UE-FTA fir-reġjun ra tnaqqis minn 9,6 % fl-2008 għal 6,5 % fl-2022. Fl-*Afrika sub-Saħarjana*, l-UE setgħet tippreżerva s-sehem tagħha ta' madwar 20 % fl-importazzjonijiet totali tas-sħab tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) matul l-aħħar 10 snin (jiġifieri minn meta daħlu fis-seħħ il-FSE). B'kuntrast ma' dan, is-sehem tal-UE fl-importazzjonijiet ta' pajjiżi mhux tal-FSE naqas bi 3 % matul l-istess perjodu, u ħalla lill-UE fit-tieni post wara ċ-Ċina. Fl-*Amerka Latina*, l-UE ilha titlef is-sehem mis-suq għal dawn l-aħħar 25 sena, iżda huwa ċar li l-FTAs taffew dik ix-xejra. Is-sehem tal-UE fl-importazzjonijiet tas-sħab tal-FTA fir-reġjun naqas minn 10 % għal 8 %, filwaqt li ġie esperjenzat tnaqqis ħafna aktar qawwi (jiġifieri minn 35 % għal 18 %) ma' sħab mhux tal-FTA.

L-**erba' ftehimiet kummerċjali l-aktar moderni tal-UE** (għajr dak mar-Renju Unit[3]) fis-seħħ fl-2023 (jiġifieri dawk mal-Korea t'Isfel, il-Kanada, il-Ġappun u l-Vjetnam) kienu qed jappoġġaw l-esportazzjonijiet tal-UE minn sena għall-oħra, bi tkabbir imdaqqas matul ħajjithom fuq il-prodotti u s-servizzi b'mod ġenerali u rati għoljin ta' tkabbir f'xi wħud mis-setturi ewlenin tal-esportazzjoni:

- L-esportazzjonijiet tal-merkanzija tal-UE lejn *il-Korea t'Isfel* żdiedu b'medja annwali ta' 7 % u b'127 % matul il-perjodu kollu (2010-2023). Il-ftehim jappoġġa l-esportazzjonijiet fl-ogħla setturi bħal dak tal-vetturi fejn l-esportazzjonijiet tal-UE żdiedu b'264 %. L-esportazzjonijiet tas-servizzi tal-UE żdiedu b'200 % bejn l-2010 u l-2022.

---

[1] Id-*data* msemmija f'dan ir-rapport, ħlief fejn indikat mod ieħor, hija bbażata fuq il-kalkoli tal-Kummissjoni/DĠ għall-Kummerċ stess ibbażati fuq il-Eurostat u l-Comtrade.

[2] Dawn il-ftehimiet kummerċjali huma d-39 ftehim li jinsabu fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-2024 u l-ftehimiet kummerċjali ma' Andorra, il-Gżejjer Faeroe u San Marino. Ara l-mappa tal-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE: https://circabc.europa.eu/rest/download/0e05d6f3 -64f5-4661-ae0c-aefb68094d19

[3] Għall-FKK bejn l-UE u r-Renju Unit ara f'aktar dettall it-tielet rapport ta' implimentazzjoni ppubblikat fil-21.3.2024 COM(2024) 127 final; EU-UK Trade and Cooperation Agreement annual report 2023 - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

- L-esportazzjonijiet tal-merkanzija tal-UE lejn *il-Kanada* żdiedu b'medja annwali ta' 7 % u b'64 % matul il-perjodu kollu (2016-2023). Il-ftehim jappoġġa l-esportazzjonijiet fl-ogħla setturi bħal dak tal-inġenji tal-ajru fejn l-esportazzjonijiet tal-UE żdiedu b'aktar minn 100 %. L-esportazzjonijiet tas-servizzi tal-UE żdiedu bi 62 % bejn l-2016 u l-2022.

- L-esportazzjonijiet tal-merkanzija tal-UE lejn *il-Ġappun* żdiedu b'medja annwali ta' 2 % u bi 11 % matul il-perjodu kollu (2018-2023), filwaqt li l-esportazzjonijiet agroalimentari żdiedu b'26 %. Il-ftehim jappoġġa l-esportazzjonijiet fl-ogħla setturi bħal dak tal-makkinarju elettriku, li esperjenza tkabbir ta' 28 %. L-esportazzjonijiet tas-servizzi tal-UE żdiedu bi 30 % bejn l-2018 u l-2022.

- L-esportazzjonijiet tal-merkanzija tal-UE lejn *il-Vjetnam* żdiedu b'medja annwali ta' 1 % u bi 3 % matul il-perjodu kollu (2019–2023), filwaqt li l-esportazzjonijiet agroalimentari żdiedu bi 17 %. Il-ftehim jappoġġa l-esportazzjonijiet fl-ogħla setturi bħal dak tal-farmaċewtiċi, fejn l-esportazzjonijiet tal-UE żdiedu bi 48 %. L-esportazzjonijiet tas-servizzi tal-UE żdiedu bi 42 % bejn l-2019 u l-2022.

Il-ftehimiet kummerċjali jistgħu jagħtu riżultati biss meta l-pajjiżi sħab jirrispettaw l-impenji tagħhom. Erba' snin ilu, fil-bidu tal-Kummissjoni von der Leyen, inħoloq rwol ġdid tal-**Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO)[4]** biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-impenji kummerċjali internazzjonali jibqgħu fiċ-ċentru tal-isforzi tal-Kummissjoni.

Il-**Punt ta' Dħul Uniku**, li jipprovdi punt uniku ta' servizz fejn wieħed iqajjem tħassib dwar il-kummerċ, irċieva aktar minn 130 ilment estern mit-tnedija tiegħu f'Novembru 2020, total ta' 28 fl-2023 biss. Dan sar l-għodda ċentrali għall-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ġodda, il-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa u l-iżgurar ta' segwitu. F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida operattivi riveduti[5] għall-Punt ta' Dħul Uniku, flimkien ma' formoli ta' lment online simplifikati u gwida prattika dwar kif għandhom jimtlew.

Inkisbu riżultati tanġibbli fil-**prevenzjoni tal-ostakli għall-aċċess għas-suq jew fit-tneħħija tagħhom**, peress li l-Kummissjoni kompliet tinvolvi ruħha ma' pajjiżi sħab, billi ħadmet id f'id mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati tal-UE. Fl-2023, **41 ostaklu għall-aċċess għas-suq** ġew eliminati parzjalment jew totalment fi **28 pajjiż** (ara f'aktar dettall it-Taqsima II.2 B):

- Pereżempju, sar progress fuq **kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji emblematiċi (SPS)** b'mod partikolari dwar ir-reġjonalizzazzjoni (*il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, l-*

[4] Informazzjoni dwar ir-rwol tas-CTEO tista' tiġi aċċessata hawnhekk: https://policy.trade.ec.europa.eu/enforcement-and-protection/chief-trade-enforcement-officer_en
[5] Linji gwida operattivi riveduti għall-Punt ta' Dħul Uniku: operational_guidelines.pdf (europa.eu)

*Arabja Sawdija*) u f'**setturi ta' teknoloġija avvanzata** rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika (*l-enerġija mir-riħ fil-Ġappun*).

- **Tipi oħra ta' ostakli aktar klassiċi** ġew indirizzati wkoll b'suċċess, bħas-sistema li ilha teżisti tal-*Arġentina* ta' liċenzji mhux awtomatiċi u l-imposti tal-*Kolombja* għall-valutazzjonijiet tar-riskju fuq il-prodotti tal-annimali u tal-pjanti tal-UE.

- Komplew l-isforzi biex tiżdied il-kapaċità tal-UE li **tipprevjeni l-ostakli**, li reċentement għenu biex jiġu indirizzati rekwiżiti ta' piż ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni fil-*Ġappun* u rekwiżiti diskriminatorji għall-akkwist pubbliku fil-*Paragwaj*.

Il-Kummissjoni kompliet tiffoka fuq l-**implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD)** li ġew inklużi fi 12 mill-ftehimiet kummerċjali tagħha fis-seħħ fl-2023, ma' 18-il pajjiż sieħeb. L-involviment regolari fil-kumitati istituzzjonali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli abbażi ta' prijoritajiet konġunti pproduċa progress reali fil-prattika hekk kif il-pajjiżi sħab irratifikaw konvenzjonijiet multilaterali, u ħadu passi biex jissolidifikaw il-kooperazzjoni tagħhom mas-soċjetà ċivili u jtejbu l-kapaċità tagħhom li jinfurzaw l-istandards tax-xogħol u ambjentali (ara l-eżempji konkreti fit-Taqsima II.2 C hawn taħt).

L-UE kompliet ukoll il-**kooperazzjoni tagħha mas-sħab kummerċjali** dwar suġġetti ta' interess komuni, appoġġati mill-ftehimiet u l-pjattaformi kummerċjali, bħall-*Alleanzi Ekoloġiċi* tagħha mal-Ġappun u l-Kanada jew l-Alleanza Ekoloġika tagħha mal-Korea t'Isfel dwar it-tibdil fil-klima, l-enerġija u s-sigurtà tal-katina tal-provvista. Mal-Kanada, ġie nnotat progress tajjeb fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Kummerċ u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tas-CETA abbażi ta' pjan ta' ħidma ddedikat, bi skambji u avvenimenti mmirati lejn il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar politiki, liġijiet u l-aħjar prattiki dwar firxa ta' kwistjonijiet, b'mod partikolari dwar l-iżvilupp ta' standards rilevanti għall-ġeneru.

Dwar il-kooperazzjoni teknika tat-TSD, f'Marzu 2024 il-Kummissjoni **ppubblikat lista ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni** miftiehma **mal-Perù biex tiżgura li d-drittijiet tax-xogħol jiġu rispettati u onorati** f'dak il-pajjiż f'konformità ma' sitt prijoritajiet definiti b'mod konġunt. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni se jiġu implimentati fis-snin li ġejjin u se jkunu appoġġati minn programm tekniku u finanzjarju estensiv tal-UE. L-**UE u l-Kolombja qablu dwar oqsma ta' prijorità** li għandhom jaħdmu fuqhom bil-ħsieb li jiġi stabbilit programm ta' kooperazzjoni teknika.

F'Marzu 2024, il-Punt ta' Dħul Uniku rċieva t-tieni lment formali dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli dwar id-drittijiet tax-xogħol u ambjentali fil-Vjetnam.

Kif juri r-rapport, l-**organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** għandhom rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u s-sostenibbiltà. Il-**gruppi konsultattivi domestiċi** (DAG), li jeżistu taħt it-12-il

ftehim kummerċjali, itejbu l-fehim tagħna kemm tas-sitwazzjoni fil-prattika kif ukoll tal-modi possibbli biex intejbuha. Ir-raba' laqgħa tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi kollha tal-UE, organizzata mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fit-18 ta' April 2024, laqqgħet flimkien aktar minn 200 membru tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-UE biex jiskambjaw fehmiet ma' uffiċjali għolja tal-Kummissjoni u jibbenefikaw mill-esperjenza prattika ta' xulxin.

Filwaqt li ma tnieda l-ebda tilwim kummerċjali ġdid mill-UE fl-2023, f'Ġunju 2024 il-Kummissjoni bdiet tilwima bilaterali kontra l-**Alġerija** dwar restrizzjonijiet li jaffettwaw l-esportazzjonijiet tal-UE u nediet tilwima tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) kontra t-**Tajwan** dwar l-użu minn dan tal-aħħar tal-kriterji tal-kontenut lokali għal proġetti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta (DS625, *it-Tajwan — l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta*).

Il-Kummissjoni kienet attiva wkoll fl-**iżgurar ta' eżiti effettivi għal tilwim kontinwu** li nstab favur l-UE fi ħdan is-sistema tad-WTO. Pereżempju, meta s-sħab kummerċjali jostakolaw il-proċess tal-aġġudikazzjoni jew jonqsu milli jimplimentaw ir-rapporti tal-bord, il-Kummissjoni hija lesta li tuża l-**miżuri awtonomi** msaħħa tagħha biex tipproteġi l-interessi Ewropej.

- Fl-2023, il-Kummissjoni ħadet l-ewwel pass lejn l-użu tar-**Regolament dwar l-Infurzar** kontra l-*Indoneżja* wara li l-pajjiż għażel li jappella d-deċiżjoni tal-bord lill-Korp tal-Appell tad-WTO li ma joperax ("fil-baħħ") u, b'hekk, ostakola l-proċess dovut (ara DS592; *l-Indoneżja – restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-mineral tan-nikil*). F'Diċembru 2023, *l-Indja* appellat "fil-baħħ" id-deċiżjoni tal-bord f'DS582 (*l-Indja – tariffi fuq prodotti tal-ICT*). Dik id-deċiżjoni kienet favur l-UE peress li kkonfermat l-illegalità tat-tariffi tal-Indja fuq il-prodotti tal-ICT.

- Fil-31 ta' Mejju 2024, l-UE nediet **proċedimenti ta' konformità** kontra *l-Kolombja* fid-DS591 (*il-Kolombja – ċips iffriżata*) wara li l-Kolombja naqset milli tikkonforma mas-sejba tal-Ftehim Proviżorju ta' Arbitraġġ tal-Appell bejn Bosta Partijiet (MPIA) ta' Diċembru 2022. Is-sejbiet kienu favur il-Kummissjoni u sabu li l-miżuri anti-dumping tal-Kolombja imposti fuq iċ-ċips iffriżata mill-Belġju, il-Ġermanja u n-Netherlands kienu qed jiksru r-regoli tad-WTO.

- Fit-28 ta' April 2023, l-UE nediet **proċedimenti ta' konformità** kontra *l-Istati Uniti* fid-DS577 (*l-Istati Uniti - Żebbuġ misjur*) fid-dawl tan-nuqqas tagħhom li jikkonformaw mad-deċiżjoni tad-WTO tad-19 ta' Novembru 2021 fir-rigward tad-dazji kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet ta' żebbuġ misjur minn Spanja. Fid-19 ta' Marzu 2024, il-Korp għas-Soluzzjoni għat-Tilwim (DSB) tad-WTO adotta r-rapport tal-bord ta' konformità tad-WTO, li kkonferma l-affermazzjoni tal-UE li l-Istati Uniti ma kkonformawx bis-sħiħ mad-deċiżjoni tad-WTO.

Il-ftehimiet kummerċjali jistgħu jkunu effettivi bis-sħiħ biss jekk il-partijiet ikkonċernati jkunu konxji mill-benefiċċji tagħhom. Il-Kummissjoni għalhekk kompliet bl-isforzi tagħha **biex tippromwovi l-vantaġġi tal-ftehimiet kummerċjali**, b'mod partikolari dawk li daħlu fis-seħħ fl-2024, jiġifieri l-FTA bejn l-UE u New Zealand (li ilu fis-seħħ mill-1 ta' Mejju) u l-FSE bejn l-UE u l-Kenja (fis-seħħ mill-1 ta' Lulju), iżda wkoll il-ftehim modernizzat bejn l-UE u ċ-Ċilì, li mistenni jidħol fis-seħħ fil-bidu tal-2025. Dan qed isir f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u n-negozji, b'enfasi fuq l-SMEs. Il-portal ewlieni tal-Kummissjoni għall-kummerċ, **Access2Markets**, jibqa' fiċ-ċentru ta' dawn l-isforzi. Il-portal kellu aktar minn tmien miljun viżitatur mit-tnedija tiegħu f'Ottubru 2020 u aktar minn 11 000 SME ġew imħarrġa biex jużawh. L-avvenimenti tal-Jum tal-Aċċess għas-Suq li saru f'aktar minn tnax-il Stat Membru wrew li huma opportunità ewlenija għas-CTEO u għall-uffiċjali għolja tal-Kummissjoni biex iqajmu kuxjenza dwar il-ftehimiet kummerċjali tal-UE u jiltaqgħu ma' negozji żgħar minn varjetà ta' reġjuni u setturi.

**Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri** dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar u dwar modi biex tittejjeb il-ħidma konġunta saret suġġett rikorrenti għal diskussjoni fil-livelli tekniċi u politiċi. Dan jinkludi t-titjib tal-metodi ta' ħidma għad-Delegazzjonijiet tal-UE u l-konsulenti kummerċjali tal-Istati Membri li jaħdmu flimkien barra mill-pajjiż, pereżempju meta jimmonitorjaw l-iżviluppi regolatorji fil-pajjiż ospitanti. Il-Kummissjoni bħalissa qed tittestja għodod ġodda biex tappoġġa flussi aħjar ta' informazzjoni u tiżgura li kemm l-uffiċjali tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri jkollhom idea ċara ta' x'għandhom jistennew minn xulxin. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali[6] jiddiskuti perjodikament is-sitwazzjoni attwali tal-aġenda ta' implimentazzjoni u infurzar tal-UE, l-istrateġiji implimentati u l-istabbiliment tal-prijoritajiet.

## I.2 Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport

Dan huwa r-raba' **rapport annwali** konsolidat[7] dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-impenji kummerċjali koperti minn ftehimiet kummerċjali bilaterali preferenzjali u mid-WTO. Dan jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet u l-kisbiet ewlenin, immexxija mis-CTEO tal-Kummissjoni fl-2023 u fl-ewwel xhur tal-2024.

Id-**dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament**[8] fih informazzjoni addizzjonali li tikkompleta t-Taqsima II.2 tar-rapport dwar 39 mill-ftehimiet bilaterali preferenzjali ewlenin tal-UE.

Is-**sit web tal-Kummissjoni**[9] fih informazzjoni komplementari għal dan ir-rapport dwar: (i) l-evoluzzjoni tal-kummerċ tal-UE ma' sħab preferenzjali fl-2023; (ii) l-użu ta' preferenzi

---

[6] https://www.consilium.europa.eu/mt/council-eu/preparatory-bodies/trade-policy-committee/

[7] It-tielet rapport ġie ppubblikat fil-15 ta' Novembru 2023 u huwa disponibbli hawnhekk: Reġistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni - COM(2023)740 (europa.eu)

[8] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Skedi ta' Informazzjoni Individwali dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehimiet Kummerċjali tal-UE; *SWD(2024) 386*: Kuntatt għall-għajnuna (europa.eu)

tariffarji mill-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-UE għal kull sieħeb kummerċjali preferenzjali, kemm għall-UE kif ukoll għall-Istati Membri; u (iii) ir-rati tal-utilizzazzjoni tal-kwoti tar-rati tariffarji.

Filwaqt li dan ir-rapport jiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE, għandu jitqies ukoll f'kuntest usa' ta' sigurtà ekonomika u attivitajiet ta' infurzar f'oqsma speċifiċi li dwarhom il-**Kummissjoni tirrapporta separatament**, jiġifieri:

- l-użu ta' **strumenti għad-difiża tal-kummerċ** (anti-dumping, antisussidji u salvagwardji), koperti mir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar id-difiża tal-kummerċ[10];

- il-monitoraġġ u l-indirizzar tal-kontrafazzjoni, tal-piraterija u ta' ksur ieħor tad-**drittijiet tal-proprjetà intellettwali** (DPI), koperti mill-pubblikazzjonijiet biennali li jalternaw tal-Kummissjoni tar-Rapport dwar id-DPI[11] u l-Lista ta' Sorveljanza tal-Piraterija[12];

- l-**iskrinjar tal-investimenti diretti barranin** u l-**kontroll tal-esportazzjonijiet b'użu doppju**, li jikkostitwixxu l-kontrolli strateġiċi tal-UE fuq il-kummerċ u l-investiment għas-sigurtà, u li huma koperti mir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-iskrinjar tal-IDB[13] u dwar ir-Regolament (UE) 2021/821 dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni[14];

- l-applikazzjoni tar-reġim tal-**Iskema Ġenerali ta' Preferenzi** (SĠP) **tal-UE**[15], koperta mir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-SĠP.

Barra minn hekk, għandhom jitħejjew rapporti annwali separati dwar l-applikazzjoni tar-**Regolament dwar is-Sussidji Barranin**[16] u l-**Istrument għal Akkwist Internazzjonali**[17].

---

[9] Il-Kummissjoni/DĠ għall-Kummerċ; il-paġna dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar: Implementing and enforcing EU trade agreements - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)
[10] It-42 rapport tal-Kummissjoni dwar id-difiża tal-kummerċ: Reġistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni — COM (2024)413 (europa.eu), Reġistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni — SWD (2024) 221 (europa.eu)
[11] L-aħħar rapport dwar il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI) f'pajjiżi terzi ġie ppubblikat fis-17 ta' Mejju 2023 u huwa disponibbli hawnhekk: https://policy.trade.ec.europa.eu/news/commission-releases-its-report-intellectual-property-rights-third-countries-2023-05-17_en
[12] L-aħħar Lista ta' Sorveljanza tal-Kontrafazzjoni u l-Piraterija ġiet ippubblikata fl-1 ta' Diċembru 2022 u hija disponibbli hawnhekk: https://policy.trade.ec.europa.eu/news/commission-publishes-latest-counterfeit-and-piracy-watch-list-2022-12-01_en
[13] It-tielet Rapport Annwali dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tad-19 ta' Ottubru 2023: https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=COM(2023)590&lang=mt
[14] Aġġornament statistiku dwar il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tad-19 ta' Ottubru 2023 (SWD (2023) 341 final): https://circabc.europa.eu/ui/group/654251c7-f897-4098-afc3-6eb39477797e/library/d45b2bfc-7029-412a-aa1e-b59ac87433f8/details
[15] L-aħħar rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament SĠP:: JOIN(2023) 34;  Reġistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni - COM(2023)34 (europa.eu)

# II. Użu sħiħ tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali tal-UE

## II.1 Kummerċ ma' sħab preferenzjali – l-iżviluppi ewlenin fl-2023

### *Il-ftehimiet kummerċjali tal-UE jiffaċilitaw il-kummerċ Ewropew tal-oġġetti u s-servizzi*

Fi tmiem l-2023, l-UE kellha fis-seħħ 42 ftehim kummerċjali preferenzjali ma' 74 sieħeb preferenzjali, li jikkorrispondu għal 45,8 % tal-kummerċ estern totali tal-UE. Biż-żieda ta' ftehimiet li fl-2023 kienu għad iridu jiġu adottati jew ratifikati (3,7 %)[18], is-sehem tal-kummerċ preferenzjali tal-UE jiżdied għal kważi 50 %.

**Illustrazzjoni 1: Il-kummerċ estern tal-UE (2023)**




Sors: Eurostat Comext

[16] Ara ĠU L 330, 23 ta' Diċembru 2022, l-Artikolu 52 (l-ewwel rapport huwa mistenni fl-2026); https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32022R2560

[17] Ara ĠU L 173, 30 ta' Ġunju 2022, l-Artikolu 13 (l-ewwel rapport huwa mistenni fl-2025); https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32022R1031

[18] Fl-2023, minbarra s-sħab tal-Mercosur (l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj) dawn kienu: New Zealand, il-Kenja, il-Benin, il-Burkina Faso, il-Burundi, Cabo Verde, il-Gambja, il-Guinea, il-Guinea-Bissau, il-Haiti, ir-Repubblika tal-Kirgistan, il-Liberja, il-Mali, il-Mauritania, in-Niġer, in-Niġerja, ir-Rwanda, is-Senegal, Sierra Leone, it-Tanzanija, it-Togo, l-Uganda u l-Użbekistan ara: https://policy.trade.ec.europa.eu/eu-trade-relationships-country-and-region/negotiations-and-agreements_en L-FTA ma' New Zealand daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2024, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Kenja fl-1 ta' Lulju.

L-akbar sħab preferenzjali tal-UE baqgħu r-Renju Unit (22,1 % tal-kummerċ tal-UE mas-sħab preferenzjali), segwit mill-Iżvizzera (14,1 %), mit-Turkija (8,9 %), min-Norveġja (7,8 %) u mill-Ġappun (5,8 %). Flimkien, dawn il-ħames sħab ammontaw għal 60 % tal-kummerċ preferenzjali tal-UE fl-2023.

Fl-2023, il-kummerċ totali tal-UE fil-valur naqas b'9,0 % (-16,3 % għall-importazzjonijiet u -0,6 % għall-esportazzjonijiet). Dan kien dovut għal taħlita ta' fatturi. L-ewwel nett, il-prezzijiet tal-enerġija u tal-materja prima, wara l-livell rekord irreġistrat fl-2022, naqsu fl-2023. Barra minn hekk, id-domanda għal oġġetti tal-konsumatur kellha tnaqqis fil-prospettiva ta' wara l-pandemija, u l-infiq fuq l-investiment mid-ditti nżamm lura minħabba kundizzjonijiet ta' finanzjament stretti. Fl-aħħar nett, iż-żieda fid-distorsjonijiet kummerċjali u l-frammentazzjoni ġeoekonomika kellha impatt fuq il-livell tal-kummerċ globali u qed tkompli tagħmel dan. Madankollu, il-kummerċ tal-UE mas-sħab preferenzjali naqas b'mod inqas drastiku (-4,5 %, fil-valur bejn l-2022 u l-2023) minn dak mas-sħab mhux preferenzjali (-12,5 %).

Kif muri fl-Illustrazzjoni 2 hawn taħt, il-kummerċ annwali mas-sħab preferenzjali naqas b'4,5 % matul il-perjodu ta' rapportar, inqas mill-kummerċ mas-sħab kollha u mas-sħab mhux tal-FTA, li naqas b'9 % u 12,5 %, rispettivament. L-esportazzjonijiet lejn is-sħab preferenzjali żdiedu b'1,2 %, filwaqt li l-esportazzjonijiet lejn is-sħab kollha u s-sħab mhux tal-FTA naqsu b' 0,6 % u 2,2 %, rispettivament.

**Illustrazzjoni 2: Tkabbir annwali tal-kummerċ tal-prodotti tal-UE skont it-tip ta' sieħeb (2022–2023)**




Sors: Eurostat Comext

***Il-ftehimiet kummerċjali tal-UE jikkontribwixxu għas-solidifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-UE bħala l-esportatur ewlieni ta' prodotti agroalimentari***

In-network wiesa' ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE jkompli jikkontribwixxi għall-prestazzjoni tajba tal-esportazzjoni agroalimentari tal-UE.

Bejn l-2022 u l-2023, l-esportazzjonijiet agroalimentari lejn sħab preferenzjali żdiedu bi 2,3 %, filwaqt li l-esportazzjonijiet tal-prodotti tal-ikel agrikoli tal-UE lejn sħab mhux tal-FTA naqsu bi 3,5 %.

Ir-**Renju Unit** baqa' bil-bosta d-destinazzjoni ewlenija għall-esportazzjonijiet agroalimentari tal-UE fost is-sħab preferenzjali kif ukoll b'mod ġenerali, li jirrappreżentaw aktar minn wieħed minn ħamsa (22 %) tal-esportazzjonijiet totali tal-UE. Għat-tieni sena konsekuttiva, fl-2023 ir-Renju Unit kien ukoll id-destinazzjoni fejn l-esportazzjonijiet tal-UE esperjenzaw l-akbar tkabbir f'termini assoluti (jiġifieri +EUR 3,4 biljun skont il-valur, jew +7 %), filwaqt li l-akbar żieda f'termini relattivi ġiet irreġistrata għall-Ukrajna (+18 %) u t-Turkija (+16 %). L-Istati Uniti baqgħu t-tieni destinazzjoni tal-esportazzjoni għall-prodotti agroalimentari tal-UE b'mod ġenerali (12 %), wara r-Renju Unit, segwiti miċ-Ċina (6 %) u l-Iżvizzera (5 %).

L-esportazzjonijiet agroalimentari tal-UE lejn **il-Kanada** żdiedu b'EUR 1,3 biljun (+40 %) bejn l-2017 u l-2023, l-esportazzjonijiet lejn il-Ġappun b'EUR 1,6 biljun (+25 %) mill-2019, u lejn il-Vjetnam b'aktar minn 300 miljun (+33 %) mill-2020.

Żviluppi pożittivi jistgħu jiġu osservati wkoll ***fuq in-naħa tal-importazzjoni***. L-importazzjonijiet agroalimentari tal-UE mir-Renju Unit (is-suq ta' sors ewlieni) irkupraw hekk kif in-negozjanti tar-Renju Unit bdew jidraw il-kontrolli u l-ispezzjonijiet tas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali (SPS) applikati mill-UE inkluż fuq il-kunsinni agroalimentari minn Jannar 2021. L-Ukrajna kkonfermat mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha bħala t-tielet l-akbar sors ta' importazzjonijiet agroalimentari tal-UE u t-tieni l-akbar fost is-sħab preferenzjali (b'7 % tal-importazzjonijiet), għalkemm il-valur tal-importazzjoni naqas b'10,3 % meta mqabbel mal-2022, prinċipalment minħabba t-tnaqqis fil-prezzijiet taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnin.

### *Fl-2023, il-Kummissjoni reġgħet immonitorjat l-importazzjonijiet fl-UE ta' ċerti prodotti industrijali u prodotti agroalimentari*

*Il-Kummissjoni, kif meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 511/2011*[12]*, immonitorjat* ***l-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel ta' partijiet ewlenin tal-karozzi u tal-elettronika*** *mill-aktar fornituri importanti tagħha barra mill-UE. L-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel ta' żewġ partijiet ewlenin tal-karozzi żdiedu b'mod sinifikanti fl-2023 meta mqabbla mal-2022, jiġifieri dawk tal-magni tal-kombustjoni tal-petrol (+225,1 %, prinċipalment mill-Messiku), u l-batteriji tal-litju-jone (+48,6 %, prinċipalment miċ-Ċina). Madankollu, ma setgħet tiġi stabbilita l-ebda rabta bejn il-konċessjoni ta' restituzzjoni tad-dazji fil-qafas tal-FTA bejn l-UE u l-Korea t'Isfel u ż-żieda fl-importazzjonijiet tal-UE ta' karozzi b'magna tal-kombustjoni tal-petrol (b'10 %) u karozzi elettriċi (b'75 %) mill-Korea t'Isfel. Il-batteriji tal-litju-jone Ċiniżi jidħlu fil-Korea t'Isfel mingħajr dazju fil-qafas tal-FTA bejn iċ-Ċina u l-Korea t'Isfel.*

*L-importazzjonijiet fl-UE ta'* ***banana friska mill-Kolombja, mill-Ekwador u mill-Perù, kif ukoll mill-Amerka Ċentrali*** *ġew immonitorjati wkoll mill-Kummissjoni, kif meħtieġ mir-Regolament tal-UE Nru 19/2013*[13] *u Nru 20/2013*[14]*. Fl-2023, l-importazzjonijiet tal-UE ta' banana friska mill-Kolombja u l-Perù naqsu bi 2,4 %, u b'0,2 % rispettivament, filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Ekwador żdiedu bi 11,3 % meta mqabbla mal-2022. Il-Kummissjoni se tkompli twettaq l-analiżi regolari tagħha tal-istat tas-suq u tal-produtturi tal-banana tal-UE u, jekk ikun meħtieġ, teżamina s-sitwazzjoni flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati.*

### *Il-kummerċ fis-servizzi żdied u l-UE żammet surplus kemm mas-sħab preferenzjali kif ukoll mal-bqija tad-dinja*

Il-kummerċ tas-servizzi tal-UE mas-sħab preferenzjali laħaq il-EUR 1,2 triljun fl-2022 (l-aħħar ċifri disponibbli), li jirrappreżenta 48 % tal-kummerċ totali tas-servizzi tal-UE (EUR 2,5 triljun). Il-kummerċ tas-servizzi tal-UE mas-sħab preferenzjali żdied b'rata aktar mgħaġġla bejn l-2021 u l-2022 milli ma' sħab mhux tal-FTA (+27 % kontra +20 %). Il-bilanċ kummerċjali totali tal-UE fis-servizzi żdied fl-2022 b'EUR 65 biljun meta mqabbel mal-2021, EUR 52 biljun minnhom f'kummerċ mas-sħab preferenzjali.

Fit-13-il Konferenza Ministerjali (MC13) f'Abu Dhabi fis-27 ta' Frar 2024, tħabbar id-dħul fis-seħħ tar-**Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi**[19] l-ġdida. Dan ir-regolament ġie nnegozjat fid-WTO f'ambjent plurilaterali, bl-UE fuq quddiem nett. Ir-regoli l-ġodda se jiffaċilitaw u jissimplifikaw il-kummerċ tas-servizzi billi jirrazzjonalizzaw ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni u jnaqqsu l-ostakli proċedurali li jiffaċċjaw in-negozji madwar id-dinja, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Dawn se jiġu applikati minn grupp kbir u varjat ta' madwar 70 Membru tad-WTO, li jirrappreżentaw 92 % tal-kummerċ dinji fis-servizzi. Il-ftehim se jgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-kummerċ tas-servizzi globali b'aktar minn EUR 120 biljun kull sena.

### *Il-ftehimiet kummerċjali jtejbu l-aċċess għall-akkwist*

Il-ftehimiet kummerċjali bejn l-UE u s-sħab li ġejjin għandhom dispożizzjonijiet vinkolanti dwar l-akkwist pubbliku: il-Kanada, il-Forum tal-Karibew (CARIFORUM), iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Perù, l-Ekwador, il-pajjiżi tal-Amerka Ċentrali, il-Korea t'Isfel, il-Georgia, il-Moldova, l-Ukrajna, il-Ġappun, l-Iżvizzera, Singapore, il-Messiku, New Zealand, il-Vjetnam u r-Renju Unit. Il-kapitoli tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jiżguraw aċċess sigur tal-offerenti, l-oġġetti u s-servizzi tal-UE (inklużi s-servizzi tax-xogħlijiet) għas-swieq ta' pajjiżi terzi (jiġifieri mhux tal-UE) fuq bażi nondiskriminatorja. Xi eżempji konkreti jinkludu l-Kolombja, fejn il-kumpaniji tal-UE kienu fost il-kumpaniji li bbenefikaw minn valur totali tal-kuntratt ta' EUR 16,2 biljun bejn l-2019 u l-2022, jew il-Ġappun, fejn il-kumpaniji tal-UE żiedu s-sehem mis-suq tagħhom tal-valur totali tal-kuntratt mogħti lil offerenti barranin minn 34 % għal 43 % bejn l-2019 (id-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim) u l-2020.

Il-Kummissjoni **tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni korretta tal-impenji tal-akkwist** mis-sħab kummerċjali fi ħdan il-kumitati speċjalizzati annwali għall-akkwist pubbliku. Pereżempju, il-Kummissjoni qed tinsisti fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' punt uniku ta' aċċess ta' portal b'pubblikazzjonijiet simultanji bl-Ingliż u bil-Ġappuniż fil-Ġappun. Mal-Korea t'Isfel, il-Kummissjoni qed tkompli d-diskussjonijiet dwar l-aċċess effettiv tal-operaturi tal-UE għal kuntratti għal ferroviji ta' veloċità għolja.

[19] https://www.wto.org/english/tratop_e/serv_e/jsdomreg_e.htm

L-**Istrument għal Akkwist Internazzjonali**, fis-seħħ mid-29 ta' Awwissu 2022, għandu l-għan li jiftaħ is-swieq ta' pajjiżi terzi billi jneħħi l-ostakli li tiffaċċja l-industrija tal-UE fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku barra mill-pajjiż. Dan jippermetti, bħala l-aħħar rimedju, wara stadju investigattiv, li jiġi ristrett l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku tal-UE ta' fornituri minn pajjiżi fejn l-aċċess għall-akkwist tagħhom huwa mxekkel. Bħala riżultat ta' dawn l-isforzi, fl-24 ta' April 2024, il-Kummissjoni fetħet l-ewwel investigazzjoni tal-IPI (*ex officio*), li se tindirizza l-allegati ostakli fis-suq tal-akkwist pubbliku Ċiniż għall-apparati mediċi[20]. L-ewwel għan tal-investigazzjoni huwa li jitrawwem djalogu bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fl-akkwist pubbliku.

Il-Kummissjoni tkompli tippromwovi t-**trasparenza dwar l-opportunitajiet ta' akkwist, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-SMEs,** inkluż billi tinsisti li s-sħab kummerċjali jistabbilixxu portals uniċi fejn l-offerenti potenzjali jistgħu faċilment isibu l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-offerti. Għaddejja wkoll ħidma biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-impenji eżistenti mis-sħab kummerċjali tal-UE fil-qasam tal-akkwist pubbliku, b'mod partikolari permezz tal-għodda Access2Procurement (aktar dettalji huma pprovduti fit-Taqsima III hawn taħt).

## II.2 L-avvanz tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali tal-UE

Din is-subtaqsima tipprovdi eżempji ta' kif il-Kummissjoni tippromwovi u timplimenta l-impenji skont il-ftehimiet kummerċjali bilaterali.

### A. Il-komunikazzjoni u l-promozzjoni tal-benefiċċji

Mill-kwartieri ġenerali tagħha fi Brussell u lokalment fil-pajjiżi kkonċernati, il-Kummissjoni ħadmet b'mod intensiv mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex tħejji t-triq għal ftehimiet kummerċjali ġodda tal-UE ma' **New Zealand** u **l-Kenja** u l-ftehim modernizzat maċ-**Ċilì**. L-isforzi ta' disseminazzjoni u sensibilizzazzjoni jinkludu l-pubblikazzjoni ta' materjali ta' komunikazzjoni, bħal skedi informattivi, materjal għall-istampa, mistoqsijiet frekwenti u posts tal-media soċjali, kif ukoll laqgħat ta' djalogu tas-soċjetà ċivili u gwida speċjalizzata dwar aspetti partikolari tal-ftehim. Il-Jiem tal-Aċċess għas-Suq li ġew organizzati fi 15-il Stat Membru s'issa ntużaw għall-komunikazzjoni fir-rigward ta' dawn il-ftehimiet. Id-Delegazzjonijiet tal-UE[21] kellhom ukoll rwol ewlieni fl-appoġġ ta' dan l-isforz, bħalma għamlu wkoll in-networks Ewropej bħan-Network Enterprise Europe (EEN)[22].

**Kif l-UE qed tqajjem kuxjenza dwar ftehimiet kummerċjali ġodda**

[20] Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C_202402973; ĠU C/2024/2973.
[21] Il-Kummissjoni/DĠ għall-Kummerċ għandha aktar minn 200 membru tal-persunal fid-Delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja u tmexxi taqsimiet kummerċjali ddedikati f'aktar minn 40 pajjiż.
[22] L-informazzjoni dwar l-EEN hija disponibbli hawnhekk: https://een.ec.europa.eu/

- **FTA bejn l-UE u New Zealand – daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2024.** Ara l-gwida komprensiva għall-SMEs + 10 fuljetti tematiċi u settorjali[23].

- **FSE bejn l-UE u l-Kenja – daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2024.** *Għaddejjin bħalissa:* Seminars u workshops fil-Kenja organizzati mal-Ministeru għall-Kummerċ tal-Kenja, iddedikati għas-settur privat f'Nairobi u Mombasa; djalogi bejn Tim Ewropa[24], is-settur privat tal-UE u l-gvern Kenjan dwar il-klima tan-negozju u tal-investiment.

- **Ftehim kummerċjali modernizzat bejn l-UE u ċ-Ċilì - id-dħul fis-seħħ mistenni fi Q1-2025.** Huma ppjanati avvenimenti dwar ir-reżami tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD) biex jitħeġġeġ djalogu bejn l-atturi governattivi u mhux governattivi rilevanti kollha, inkluż dwar l-enerġija u l-materja prima. Id-diskussjonijiet se jkopru kif għandhom jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-FTA bejn l-UE u ċ-Ċilì u l-Memorandum ta' Qbil ta' Lulju 2023, inkluż is-sensibilizzazzjoni mill-Istati Membri ma' investituri possibbli fis-settur.

### B. L-implimentazzjoni tal-impenji għall-aċċess għas-suq

***Il-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ fil-pajjiżi sħab, bl-użu tal-istrutturi bilaterali***

L-indirizzar ta' ostakli għall-kummerċ u l-investiment fis-sors (eż. *qabel* ma jiġu minquxa fil-liġijiet u r-regolamenti) iżid il-possibbiltajiet tagħna li nipprevjenu jew intaffu l-effetti negattivi fuq in-negozju Ewropew.

- Il-monitoraġġ ta' inizjattivi potenzjalment problematiċi huwa ffaċilitat ħafna mill-istrutturi istituzzjonali stabbiliti minn ftehimiet bilaterali. Struttura bħal din għenet lid-Delegazzjoni tal-UE fil-**Kolombja** (Bogota) biex, fis-sottokumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT) skont l-FTA, tqajjem b'suċċess miżura eżekuttiva potenzjalment problematika dwar prassi tajba ta' manifattura (PTM) għax-xorb alkoħoliku. Ladarba d-digriet Kolombjan li jneħħi r-rekwiżit taċ-ċertifikati PTM jiġi approvat, dan se jneħħi piż amministrattiv li jaffettwa l-esportazzjonijiet tal-UE għal valur ta' aktar minn EUR 90 miljun fl-2023.

- Il-monitoraġġ tal-iżviluppi regolatorji u ta' politika rilevanti fil-pajjiż ospitanti ("sorveljanza regolatorja") huwa kruċjali għad-Delegazzjonijiet tal-UE biex jidentifikaw żviluppi potenzjalment dannużi. Pereżempju, id-Delegazzjoni tal-UE fil-**Ġappun** (Tokyo) li taħdem man-negozji tal-UE kienet kapaċi tindirizza rekwiżiti ta' piż ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni relatati mas-settur tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fissa mal-qiegħ fil-Ġappun. L-Att dwar in-Negozju tal-Elettriku

[23] EU-New Zealand (europa.eu)
[24] https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/team-europe-initiatives_mt

rivedut u l-gwida maħruġa f'Marzu 2023 jipprevedu tnaqqis fil-kostijiet tal-aċċess għas-suq u proċess ta' approvazzjoni aktar mgħaġġel, u b'hekk jitneħħa ostaklu kbir għan-negozji tal-UE. L-għoti ta' xi proġetti eoliċi lil hinn mill-kosta lil konsorzji bil-parteċipazzjoni tal-industrija tal-UE jirrifletti t-titjib tal-linji gwida għas-sejħiet għall-offerti, li fuqhom involviet ruħha d-Delegazzjoni tal-UE f'Tokjo mal-Ġappun.

- Rekwiżiti diskriminatorji li jiffavorixxu lill-offerenti mill-Paragwaj, mill-Brażil u mill-Arġentina heddew li jaffettwaw lill-kumpaniji tal-UE li jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti pubbliċi għal prodotti għat-trattament tal-ilma fil-**Paragwaj**. Bis-saħħa ta' azzjoni koordinata mid-Delegazzjoni tal-UE u l-Istati Membri involuti mal-awtoritajiet rilevanti, il-Paragwaj aġġusta t-termini ta' referenza u estenda ż-żmien biex iwieġeb, u b'hekk ippermetta lill-kumpaniji interessati kollha jipparteċipaw. Dan l-eżitu huwa aktar u aktar importanti minħabba li s-settur qed jibbenefika minn EUR 10 miljun f'investiment Ewropew taħt l-inizjattiva Ewropa Globali.

Sfida ewlenija għall-ħidma preventiva tal-UE tinsab fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi kollettivi tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tan-negozji li joperaw f'pajjiżi sħab biex jaċċessaw informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq u jieħdu azzjoni koordinata, kif meħtieġ. Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jesploraw mezzi prattiċi biex jiffaċilitaw il-flussi ta' informazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati barra mill-pajjiż.

***Il-kumitati tal-FTA għal darb'oħra kellhom rwol ewlieni fit-tneħħija tal-ostakli f'varjetà ta' setturi***

- **L-agrikoltura u s-sajd** għal darb'oħra kien is-settur bl-aktar ostakli mneħħija (jiġifieri tneħħew 22 minn total ta' 37 ostaklu fl-2023). Fl-2023, sar progress fuq il-front tar-**reġjonalizzazzjoni** ma' żewġ sħab fil-Lvant Imbiegħed: wara impenn intensiv taħt l-FSE bejn l-UE u l-Ġappun, **il-Ġappun** għamel progress fir-rikonoxximent tar-reġjonalizzazzjoni tal-UE għall-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja. Dan ifisser li problema f'reġjun wieħed ta' Stat Membru jew f'parti waħda tal-UE mhux se twassal għall-imblukkar tal-kummerċ tal-prodotti tal-pollam minn żoni ħielsa mill-mard, f'konformità mar-regoli determinati mil-leġiżlazzjoni tal-UE. **Il-Korea t'Isfel** bdiet taġġorna ċ-ċertifikati bilaterali inklużi l-kundizzjonijiet maqbula ta' reġjonalizzazzjoni u qed telenka l-istabbilimenti għall-approvazzjoni għall-esportazzjoni tal-laħam tal-majjal. F'Awwissu 2023, bdew l-ewwel vjeġġi ta' prodotti tal-majjal mill-Ġermanja lejn il-Korea, segwiti mill-Irlanda u Franza fl-2024, filwaqt li rrikonoxxew il-livell għoli ta' sikurezza żgurat mill-miżuri armonizzati tal-UE għall-kontroll tas-sikurezza alimentari.
- Is-**settur farmaċewtiku** Ewropew, li ilu jbati minn diskriminazzjoni fil-**Vjetnam**, suq tal-esportazzjoni ta' EUR 1,5 biljun, għadu fiċ-ċentru tal-azzjoni tal-UE biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq għan-negozji Ewropej. Fi tmiem l-2022, l-isforzi konġunti bejn il-Kummissjoni, id-Delegazzjoni tal-UE, in-negozji u l-Istati Membri wasslu lill-Vjetnam biex **itemm id-diskriminazzjoni** bejn l-awtoritajiet regolatorji tal-UE u jittratta lill-produtturi kollha tal-UE l-istess. Il-Vjetnam estenda wkoll *il-validità tal-*

*awtorizzazzjoni tas-suq* sa tmiem l-2024 għal aktar minn 1 800 mediċina importata. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed tkompli bl-isforzi tagħha biex issib soluzzjoni permanenti.

- Fis-**settur awtomobilistiku** (li jammonta għal 11 % tal-oġġetti esportati Ewropej) l-UE rnexxielha tikkonvinċi lit-Turkija taċċetta l-istandards regolatorji tagħha, wara li applikat leġiżlazzjoni li tiddiskrimina kontra t-tratturi tal-UE - suq tal-esportazzjoni ta' EUR 2,5 biljun - għal diversi snin. It-tratturi importati mill-UE kienu soġġetti għal rekwiżiti tal-emissjonijiet aktar stretti minn dawk manifatturati fit-Turkija, li poġġewhom fi żvantaġġ fil-prezz meta mqabbla ma' vetturi manifatturati lokalment. Wara li ġiet indirizzata din il-kwistjoni mat-Turkija, din tal-aħħar allinjat il-leġiżlazzjoni tagħha dwar it-tipi kollha ta' vetturi mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

- Sadanittant, permezz ta' aktar allinjament tal-**leġiżlazzjoni Torka dwar il-kożmetiċi** ma' dik tal-UE (lista tal-UE ta' sustanzi pprojbiti), intemm it-trattament diskriminatorju tal-kożmetiċi tal-UE, li jammontaw għal esportazzjonijiet b'valur ta' EUR 2,2 biljun fis-sena.

***Il-ftehimiet kummerċjali bħala pass 'il quddiem lejn il-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess reċiproku***

L-UE u **l-Korea t'Isfel** żiedu b'mod sostanzjali l-iskambji tagħhom dwar kwistjonijiet **ambjentali u klimatiċi** taħt is-Sħubija Ekoloġika ffinanzjata mill-UE mal-Korea t'Isfel imnedija f'Mejju 2023. Il-kooperazzjoni għamlet progress ukoll dwar miżuri sanitarji u fitosanitarji (**SPS**): il-Kummissjoni (id-DĠ għall-Kummerċ u d-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari) u l-Ministeru għall-Ikel u s-Sikurezza tal-Mediċini tal-Korea t'Isfel iffirmaw Arranġament Amministrattiv dwar il-kooperazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni elettronika tal-SPS u dwar iċ-ċertifikati SPS għall-esportazzjonijiet mill-UE, li se jkompli jiffaċilita l-kummerċ f'diversi prodotti agroalimentari pproċessati.

Il-kooperazzjoni mal-**Kanada** skont il-Ftehim CETA permezz tas-**Sħubija Strateġika dwar il-Materja Prima Kritika** bejn l-UE u l-Kanada qed tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima bejn l-UE u l-Kanada, b'investimenti Kanadiżi li qed iseħħu fl-UE u investimenti Ewropej fil-Kanada. Is-Sħubija Strateġika tipprovdi opportunitajiet għall-kollaborazzjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni u għall-kollaborazzjoni internazzjonali dwar l-istandards ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) u l-inizjattivi multilaterali. F'Lulju 2024, il-Kanada saret assoċjata mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa[25].

Fl-2023, l-UE u **l-pajjiżi sħab Andini, il-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù,** komplew il-ħidma tagħhom biex itejbu l-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluż permezz ta' kooperazzjoni appoġġata minn proġetti u seminars tal-UE, b'mod partikolari l-proġett tal-IP Key Latin America fil-qasam tal-proprjetà intellettwali.

[25] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_24_3626

Fl-2023, l-UE, **il-Ghana, il-Kosta tal-Avorju u l-Kamerun** komplew id-diskussjonijiet tagħhom dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà, speċjalment dwar il-kawkaw, li huwa komodità ewlenija fir-relazzjonijiet kummerċjali reċiproċi - fil-kuntest tal-Kumitati tal-FSE rispettivi. Il-kooperazzjoni attiva kompliet ukoll fi ħdan l-inizjattiva tal-Kawkaw Sostenibbli, djalogu bejn diversi partijiet interessati.

### C. Il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli taħt il-lenti

Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet tindirizza s-sejbiet tar-rieżami tagħha tal-politika dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD) [26] . Ir-rieżami pprovda impetu ġdid għall-implimentazzjoni tal-impenji tat-TSD skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

Il-Kummissjoni bdiet tħejji **prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiż** li jkopru kwistjonijiet tax-xogħol, tal-ġeneru, tal-ambjent, tal-klima u tas-soċjetà ċivili bl-**involviment mill-qrib tal-gruppi konsultattivi domestiċi (DAGs) tal-UE** stabbiliti skont dawk il-ftehimiet. Dawn il-prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiż qed jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' dokumenti dettaljati tal-pajjiżi dwar it-TSD li jimmappjaw il-prijoritajiet, kif ukoll proġetti relatati ta' kooperazzjoni u bini tal-kapaċitajiet tal-UE u tal-Istati Membri.

Wara s-sottomissjoni lill-Punt ta' Dħul Uniku tal-Kummissjoni fis-17 ta' Mejju 2022 **tal-ewwel ilment dwar TSD** minn NGO dwar id-drittijiet tax-xogħol fis-settur tal-estrazzjoni minerarja fil-Perù u l-Kolombja, id-djalogi bilaterali mal-Perù u l-Kolombja fl-2023 ippermettew li jiġu identifikati kwistjonijiet fl-implimentazzjoni tal-liġijiet tax-xogħol rispettivi tagħhom, inkluż mal-Kolombja biex isiru diskussjonijiet dwar il-progress fir-riforma tax-xogħol domestiku tagħha.  Dwar il-kooperazzjoni tat-TSD mal-Perù, f'Marzu 2024, bħala riżultat ta' ftehim mal-Perù, ġiet ippubblikata lista ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni teknika, b'mod partikolari dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni, it-tħaddim tat-tfal, ix-xogħol furzat, il-ġlieda kontra l-informalità, u b'mod partikolari fit-tisħiħ tas-sistema ta' spezzjoni tax-xogħol. L-attivitajiet huma mistennija li jiġu implimentati matul is-snin ta' wara appoġġati minn programmi estensivi tal-UE.

Dan l-eżitu pożittiv juri r-rwol importanti tas-soċjetà ċivili fit-twissija u l-monitoraġġ tar-rispett tad-dispożizzjonijiet tat-TSD f'pajjiżi terzi.

F'Marzu 2024, il-Punt ta' Dħul Uniku rċieva *t-tieni lment formali* dwar il-Kapitolu tat-TSD fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Vjetnam, li bħalissa qed jiġi rieżaminat.

**Il-Kumitati Konġunti tat-TSD** għal darb'oħra kienu l-mezz ewlieni għall-avvanz tal-implimentazzjoni tal-Kapitoli tat-TSD fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE. Fl-2023 inkiseb progress konkret dwar ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet ewlenin dwar id-

[26] Għal sommarju tal-konklużjonijiet ewlenin tar-rieżami tat-TSD ara wkoll ir-rapport annwali tal-2022 dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar: Reġistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni —- COM(2022)730 (europa.eu).

drittijiet tax-xogħol u l-ambjent, li wasslu lill-pajjiżi sħab biex jaġġornaw l-oqfsa domestiċi rispettivi tagħhom:

- Għall-***Ġappun***, il-Konvenzjoni tal-ILO C105 dwar l-abolizzjoni tax-xogħol furzat daħlet fis-seħħ f'Lulju 2023. Għall-***Panama***, il-konvenzjonijiet tal-ILO C129 dwar l-ispezzjoni tax-xogħol (agrikoltura) u C190 dwar il-vjolenza u l-fastidju daħlu fis-seħħ f'Marzu 2023. Il-***Kanada*** rratifikat il-Konvenzjoni tal-ILO C190 (il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju) fit-30 ta' Jannar 2023.

- Barra minn hekk, id-diskussjonijiet bilaterali wasslu biex ċerti pajjiżi żammew l-impenji tagħhom tat-TSD u għalhekk tejbu **l-oqfsa domestiċi** tagħhom **għax-xogħol**. Pereżempju, l-***Ekwador*** f'Diċembru 2023 irreġistra l-ewwel trade union għal fergħa settorjali fis-settur tal-banana. Il-qafas legali domestiku tagħhom jeħtieġ li jiġi aġġustat kif xieraq.

- Il-***Georgia*** u l-***Moldova*** għamlu progress **fit-titjib tas-sistemi domestiċi** tagħhom **għax-xogħol u l-ambjent**. Il-Georgia kompliet issaħħaħ is-sistema tal-ispezzjonijiet tax-xogħol permezz ta' reklutaġġi ġodda, taħriġ u bini tal-kapaċitajiet u rratifikat l-emenda tal-protokoll ta' Montreal (dwar it-tnaqqis gradwali tal-idrofluworokarburi). Il-Moldova ħadet passi biex tirriforma u ssaħħaħ l-Ispettorat tax-Xogħol tal-Istat, u tatu d-dritt li jwettaq żjarat mhux imħabbra f'ċerti każijiet. Wara diskussjonijiet fil-fond fil-kumitat tat-TSD, il-Moldova reċentement adottat ukoll leġiżlazzjoni dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

Bħal fis-snin preċedenti, il-Kummissjoni użat **il-kumitati tat-TSD** fi ħdan il-ftehimiet kummerċjali tal-UE biex tinvolvi lis-sħab dwar elementi sostanzjali ewlenin tar-riżami tat-TSD u **ssaħħaħ il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi** permezz ta' djalogi ta' politika ddedikati u alleanzi ekoloġiċi. Pereżempju:

- Il-kooperazzjoni bejn *l-UE u l-Kanada* qed tavvanza bħala parti mill-Alleanza Ekoloġika tagħhom bl-għan li taċċellera l-kooperazzjoni dwar teknoloġiji innovattivi.

- Il-kooperazzjoni bejn *l-UE u l-Korea t'Isfel* kompliet permezz tas-Sħubija Ekoloġika tagħhom imnedija f'Mejju 2023, li tkopri kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bħar-riħ lil hinn mill-kosta, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tat-tbaħħir, l-ekonomija ċirkolari u l-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM).

- Il-Kummissjoni qed tavvanza wkoll il-kooperazzjoni ma' *Singapore* dwar it-teknoloġiji biex tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika.

- Il-kooperazzjoni mal-*Ġappun* dwar ir-regoli għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta[27] għenet biex tappoġġa l-aġenda ambjentali u klimatika skont il-kapitolu tat-TSD, filwaqt li ppromwoviet it-tranżizzjoni tal-enerġija.

[27] Ara wkoll it-Taqsima B hawn fuq.

L-istrutturi maħluqa taħt il-kapitoli tat-TSD huma wkoll il-fora ewlenin biex jiżdied **il-fehim tas-sħab dwar leġiżlazzjoni tal-UE** dwar is-sostenibbiltà **promulgata jew proposta reċentement**. Pereżempju, wara l-aħħar kumitat tat-TSD mal-**pajjiżi Andini**, il-Kummissjoni immedjatament organizzat żewġ laqgħat ta' segwitu ma' esperti tal-UE dwar id-deforestazzjoni biex tindirizza punti tekniċi dettaljati li jikkonċernaw il-pajjiżi Andini.

***L-UE tkompli tiffinanzja kooperazzjoni teknika li tappoġġa l-objettivi ta' sostenibbiltà***

Fl-2023, minbarra proġetti ta' kooperazzjoni fl-**Amerka Ċentrali**[28] u fl-**Asja tax-Xlokk** (eż. il-Fażi 2 tal-proġett Kummerċ għal Xogħol Deċenti), b'baġit ta' EUR 4 miljun għall-2024-2027, li jkompli jappoġġa t-titjib tal-implimentazzjoni tal-istandards tax-xogħol, fost l-oħrajn il-Vjetnam, l-UE kompliet tiffinanzja l-inizjattiva *Imġiba Responsabbli fin-Negozju għal ktajjen tal-provvista ekoloġiċi, diġitali u reżiljenti fl-Asja* li tippromwovi l-konverġenza u l-allinjament fis-swieq Asjatiċi ta' prattiki ta' imġiba responsabbli fin-negozju f'konformità mal-prinċipji maqbula internazzjonalment stabbiliti fl-istandards tal-Imġiba Responsabbli fin-Negozju tal-OECD.

***Ħidma ma' Gruppi Konsultattivi Domestiċi***

Il-kontributi kemm mid-DAGs Ewropej kif ukoll minn dawk tal-pajjiżi sħab, li **jimmonitorjaw is-sitwazzjoni** fil-prattika fil-pajjiżi sħab, isaħħu l-pożizzjoni tal-Kummissjoni meta ssegwi l-impenji tat-TSD kif juru l-eżempji li ġejjin:

**Eżempji tal-kontributi tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi:**

- Fl-**Ekwador**, rapporti mir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili dwar **id-diffikultajiet biex tiġi rreġistrata trade union** fis-**settur tal-banana** ġew adottati mill-Kummissjoni (ara t-Taqsima II.2 C hawn fuq).

- Fil-**Vjetnam**, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-UE ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni għas-sitwazzjoni mwiegħra tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Vjetnamiżi li ma ġewx rikonoxxuti bħala atturi kompluti fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-impenji tat-TSD, u poġġew lil xi attivisti ambjentali jew rappreżentanti tal-unions f'riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE tkompli ssegwi dawn il-kwistjonijiet, inkluż bħala parti mid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-Vjetnam.

- Bis-saħħa tal-kontribut riċevut mid-**DAG bejn l-UE u r-Renju Unit**, il-Kummissjoni identifikat u setgħet tiġbed l-attenzjoni tar-Renju Unit għal problema fir-rigward tal-att dwar il-livell minimu ta' servizz ta' dan tal-aħħar, jiġifieri rigressjoni mill-istandards tax-xogħol ta' qabel il-Brexit, li taffettwa l-kundizzjonijiet ekwivalenti mal-UE.

- Id-**DAG bejn l-UE u l-Vjetnam** ipprovda informazzjoni lill-UE sabiex ikun jista' jqajjem il-kwistjoni tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi tat-tigri.

[28] https://www.euroclima.org/en/mapas-2021-en

- L-informazzjoni pprovduta mid-**DAG bejn l-UE u l-Kanada** għenet biex tagħti spinta lill-pjan ta' ħidma konġunt bejn l-UE u l-Kanada dwar it-TSD u biex tipprijoritizza l-**ġeneru**[29] bħala suġġett konġunt li jiġġustifika skambji aktar fil-fond.

Fl-2023, il-Kummissjoni żgurat **appoġġ finanzjarju** kontinwu **għall-ħidma tad-DAGs**: il-**proġett** ta' EUR **3 miljun** ikkuntrattat mill-Kummissjoni fl-2018 biex jappoġġa lis-soċjetà ċivili fil-qafas tal-ftehimiet kummerċjali ġie estiż sa tmiem l-2024 u jinsab fil-proċess li jiġi estiż aktar sa tmiem l-2026.

## D. Evalwazzjonijiet retrospettivi tal-ftehimiet kummerċjali biex jinfurmaw il-ħidma ta' implimentazzjoni[30]

L-evalwazzjoni tal-FTA tal-UE mal-**Amerka Ċentrali** ġiet ippubblikata f'Ġunju 2023. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet, għadhom qed isiru diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar kwistjonijiet ekonomiċi (il-kummerċ bilaterali, l-aċċess għas-suq), il-politiki soċjali (pereżempju d-drittijiet tax-xogħol) u l-ambjent (pereżempju l-protezzjoni ambjentali u r-Regolament dwar id-Deforestazzjoni).

L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-FTAs tal-UE mas-sħab Andini ġiet ippubblikata f'Ottubru 2023. Abbażi tal-konklużjonijiet tagħha, l-UE ser tqis il-possibbiltà ta' aġġornament immirat tal-ftehim f'konformità mal-objettivi tal-politika kummerċjali tagħha, b'mod partikolari dawk relatati mal-iżvilupp sostenibbli.

Fl-2023, il-Kummissjoni nediet ukoll **evalwazzjoni kwalitattiva tal-impatt tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles fuq il-fatturi ewlenin ambjentali, inkluża l-klima**. Din hija l-ewwel evalwazzjoni trażversali li tkopri t-12-il FTA kollha inklużi d-dispożizzjonijiet dwar it-TSD li kienu fis-seħħ fl-2023. Ir-rapport finali huwa mistenni f'Novembru 2024.

Fl-2024 ukoll, il-Kummissjoni nediet evalwazzjonijiet tal-ftehimiet kummerċjali tagħha mal-**Kanada** u l-**Ġappun**.

## E. Ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku dwar il-valutazzjoni tal-konformità

L-aċċess għas-suq huwa ffaċilitat ukoll permezz ta' ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku (MRAs) dwar il-valutazzjoni tal-konformità. Dawn il-ftehimiet bilaterali jippromwovu l-kummerċ fil-prodotti bejn l-UE u pajjiżi terzi, u huma ta' benefiċċju għall-industrija billi jipprovdu aċċess aktar faċli għall-valutazzjoni tal-konformità. Filwaqt li bniet fuq l-effetti pożittivi tal-MRAs bħala għodda għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ, fl-2023 l-UE kompliet timplimenta l-MRAs li kienet ikkonkludiet mal-Awstralja, il-Kanada, l-Iżrael, il-Ġappun, New Zealand, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti.

F'Mejju 2023, **l-UE u l-Istati Uniti aġġornaw l-MRA tagħhom dwar it-tagħmir tal-baħar** biex jirriflettu l-aħħar bidliet regolatorji u teknoloġiċi f'dan il-qasam. L-UE u l-Istati Uniti espandew ukoll l-anness tal-MRA bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar prattiki tajba ta' manifattura

---

[29] https://www.international.gc.ca/trade-commerce/trade-agreements-accords-commerciaux/agr-acc/ceta-aecg/CETA_work_plan-AECG_plan_travail-2020-2021.aspx?lang=eng
[30] https://policy.trade.ec.europa.eu/analysis-and-assessment/ex-post-evaluations_en

għall-farmaċewtiċi biex jinkludi mediċini veterinarji, li jippermettu li prodotti veterinarji manifatturati fl-UE jiġu esportati u kkummerċjalizzati fl-Istati Uniti mingħajr il-ħtieġa ta' spezzjoni tal-manifatturi tal-UE mill-Istati Uniti, u viċi versa.

# III. Għajnuna lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju sabiex isibu posthom fil-kummerċ globali

L-SMEs għadhom punt ta' enfasi tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni u infurzar tal-Kummissjoni, sabiex ikunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE. Din it-taqsima tiddeskrivi l-attivitajiet ewlenin imwettqa fl-2023 biex jintlaħaq dak l-objettiv.

## A. Titjib u promozzjoni ta' Access2Markets

Il-pjattaforma Access2Markets, li tipprovdi informazzjoni mingħajr ħlas u multilingwi, li hija partikolarment utli għall-SMEs, kompliet tiġi aġġornata fl-2023. Dan jiżgura li l-intrapriżi Ewropej ikunu mgħammra tajjeb biex jinnavigaw il-kumplessitajiet tal-kummerċ internazzjonali b'effiċjenza u faċilità akbar.

- **L-għodda ta' Awtovalutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini (ROSA[31])** tippermetti lill-kumpaniji jivvalutaw jekk il-prodotti tagħhom jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex jibbenefikaw minn trattament preferenzjali skont ftehim kummerċjali tal-UE. L-għodda tkopri 31 ftehim inklużi dawk mal-Kanada, ir-Renju Unit u l-Ġappun kif ukoll il-kundizzjonijiet taħt l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi. Bħala medja, jitwettqu aktar minn 14 000 valutazzjoni kull xahar.

- **L-Assistent Kummerċjali Tiegħi għas-Servizzi u l-Investiment** hija għodda online mnedija fl-2022, li tipprovdi informazzjoni prattika dwar ir-rekwiżiti li l-fornituri tas-servizzi tal-UE jeħtieġ li jissodisfaw meta jesportaw barra mill-UE. Din tiġi kkonsultata medja ta' 2000 darba kull xahar. Wara estensjoni fl-2023, l-għodda issa tkopri aktar minn 100 settur tas-servizzi, bħas-servizzi tan-negozju u dawk professjonali, is-servizzi finanzjarji, is-servizzi tat-telekomunikazzjoni, u s-servizzi tat-trasport f'erba' pajjiżi: il-Kanada, il-Ġappun, l-Iżvizzera u r-Renju Unit.

- **Access2Procurement** tgħin lin-negozji tal-UE jistabbilixxu jekk offerta speċifika għall-akkwist pubbliku hijiex koperta minn wieħed mill-ftehimiet kummerċjali bilaterali tal-UE. Fl-2023, l-għodda ġiet ikkonsultata aktar minn 480 darba fix-xahar peress li ġiet estiża biex tinkludi lill-Istati Uniti, minbarra l-Kanada u l-Ġappun. Ir-Renju Unit se jiġi miżjud fil-bażi tad-*data* fl-2024.

[31] Kif tuża l-għodda ta' Awtovalutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini (ROSA) Access2Markets (europa.eu)

- **Access2Conformity**, miżjuda fl-2023, tgħin lill-esportaturi tal-UE jidentifikaw fejn fl-UE tista' tiġi ttestjata u ċċertifikata l-konformità tal-prodotti tagħhom meta jesportaw lejn pajjiżi terzi li magħhom l-UE kkonkludiet MRA. L-għodda bħalissa tkopri l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, l-Istati Uniti u l-Iżvizzera.

### B. Għajnuna lill-SMEs biex jiksbu l-aħjar użu mill-ftehimiet kummerċjali internazzjonali

Objettiv importanti tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE huwa li jgħinu lill-SMEs tal-UE biex ikabbru n-negozju tagħhom mas-swieq barranin u fihom. Minbarra l-kapitolu speċifiku għall-SMEs preżenti fil-ftehimiet kummerċjali reċenti kollha, matul l-2023 il-Kummissjoni kompliet tibni kuxjenza dwar il-benefiċċji tal-ftehimiet tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati.

**Il-Jiem tal-Aċċess għas-Suq (MADs)** fl-2023 saru f'disa' Stati Membri (l-Iżvezja, Franza, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Finlandja, l-Estonja, Spanja u l-Greċja) u għenu biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost in-negozji fil-livelli nazzjonali u lokali. Il-Jiem tal-Aċċess għas-Suq raw parteċipazzjoni qawwija mis-settur privat b'medja ta' 120 parteċipant (personalment u online flimkien) u pprovdew lill-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ bl-opportunità li jinvolvi ruħu man-negozji u mal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, inklużi l-SMEs, f'varjetà ta' setturi bħall-agroalimentari, l-industrija tal-karozzi, l-apparat mediku, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, iċ-ċeramika u l-industrija tat-tessuti.

Biex tappoġġa s-sensibilizzazzjoni tagħha mal-SMEs, il-Kummissjoni/id-DĠ għall-Kummerċ żiedet it-taħriġ tagħha ta' **multiplikaturi ewlenin** fil-livelli Ewropej u nazzjonali, bħal organizzazzjonijiet tal-promozzjoni tal-kummerċ, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet tan-negozju Ewropej inklużi SME United jew EuroChambres, biex dawn jipprovdu gwida prattika lill-SMEs dwar l-użu tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE. Eżempji jinkludu l-Masterclass tal-Ġestjoni tal-Esportazzjoni organizzata minn Trade Promotion Europe u laqgħat ma' assoċjazzjonijiet nazzjonali, inkluż il-kumitat tal-SMEs tal-Konfederazzjoni tal-Intrapriżi Żvediżi u l-Confédération des petites et moyennes entreprises Franċiża.

Iċ-**ċentri ddedikati tal-SMEs tal-UE** f'Tokyo (*iċ-Ċentru għall-Kooperazzjoni Industrijali bejn l-UE u l-Ġappun*[32]) u f'Beijing (*iċ-Ċentru tal-SMEs bejn l-UE u ċ-Ċina*[33]) għenu lill-SMEs tal-UE jinnavigaw is-swieq fl-Asja u fil-Lvant Imbiegħed, billi organizzaw taħriġ, missjonijiet tan-negozju, avvenimenti B2B u ħarġu rapporti dwar l-aċċess għas-suq u taw assistenza teknika lill-kumpaniji. Iċ-Ċentru tal-Ġappun iqajjem ukoll sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji u l-opportunitajiet maħluqa mill-FSE bejn l-UE u l-Ġappun għall-SMEs permezz

[32] https://www.eu-japan.eu/
[33] https://www.eusmecentre.org.cn/

ta' 23 webinar dwar kif isir in-negozju fil-Ġappun, b'730 parteċipant[34]. It-tim ta' esperti taċ-Ċentru tal-SMEs bejn l-UE u ċ-Ċina jipprovdi servizzi mingħajr ħlas inkluż dwar l-iżvilupp tan-negozju, informazzjoni legali, standards, riżorsi umani u taħriġ, użu flessibbli tal-uffiċċju, kwalunkwe appoġġ prattiku ieħor għall-SMEs permezz ta' 34 sessjoni ta' taħriġ/webinar fiċ-Ċina u fl-UE għal aktar minn 2 000 SME tal-UE, fost avvenimenti oħra.

L-għajnuna lill-SMEs tal-UE biex jinnavigaw il-ftehimiet kummerċjali tal-UE u jaċċessaw is-swieq ta' pajjiżi terzi tibqa' waħda mill-prijoritajiet ewlenin tan-**Network Enterprise Europe**[35] (EEN) iffinanzjat mill-UE.

- Il-konsulenti tal-EEN bl-għajnuna tal-Kummissjoni/tad-DĠ għall-Kummerċ komplew jibnu l-kapaċità tagħhom biex jappoġġaw lill-klijenti fl-aċċess għall-benefiċċji tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE. Il-konsulenti tan-negozju tal-EEN huma f'kuntatt ta' kuljum ma' SMEs li qed ifittxu opportunitajiet ta' tkabbir fi swieq ta' pajjiżi terzi. 87 minnhom irċevew taħriġ f'Settembru 2023 li jkopri s-sitwazzjoni attwali tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE u aġġornament dwar Access2Markets.

- Matul il-perjodu ta' rapportar, l-EEN ospita erba' "**imwejjed ta' persuni regolari tal-FTA**", u laqqa' flimkien aktar minn 150 konsulent tan-negozju tal-EEN u espert tal-kummerċ għal skambji prattiċi dwar każijiet konkreti li jinvolvu l-SMEs Ewropej.

- Fl-2024, l-EEN nieda sensiela ta' webinars dwar it-*Tħaddin tas-swieq globali*, li joffru informazzjoni ewlenija dwar is-suq tal-SMEs u informazzjoni dwar rekwiżiti regolatorji biex jgħinuhom jespandu fi swieq li qed jikbru b'rata mgħaġġla fl-Asja, fl-Afrika u fl-Amerki.

- Il-Kummissjoni tappoġġa l-isforz u qasmet l-għarfien espert tagħha dwar l-MRAs dwar il-valutazzjoni tal-konformità.

Ir-riżultati konkreti tal-ħidma mill-konsulenti tan-negozju tal-EEN u eżempji ta' kif dawn għenu lill-SMEs Ewropej jaħtfu l-opportunitajiet kummerċjali marbuta mal-FTAs huma disponibbli fuq is-sit web tal-EEN[36].

Fl-2023, l-UE kompliet ukoll bl-impenn tagħha fil-**livell multilaterali**. L-isforzi kienu mmirati b'mod partikolari lejn il-konverżjoni tal-*Helpdesk tal-Kummerċ Globali*[37] fi pjattaforma komprensiva u aktar faċli għall-utent għall-mikrointrapriżi u l-SMEs (MSMEs). L-UE għamlet ukoll passi kbar fil-ħidma tal-aħjar prattiki, li wasslet għat-tnedija ta' żewġ

---

[34] Stejjer ta' suċċess ta' kumpaniji Ewropej li jidħlu fis-suq Ġappuniż jistgħu jinstabu hawnhekk: https://www.eu-japan.eu/eubusinessinjapan/tags/case-study
[35] L-informazzjoni dwar l-EEN hija disponibbli hawnhekk: https://een.ec.europa.eu/. In-network, kofinanzjat mill-programm COSME tal-UE, huwa attiv f'aktar minn 60 pajjiż u jiġbor flimkien 3 000 espert minn 600 organizzazzjoni membru. L-objettiv tiegħu huwa li jgħin lin-negozji żgħar u medji fl-attivitajiet internazzjonali tagħhom.
[36] Stejjer ta' suċċess | Network Enterprise Europe (europa.eu)
[37] Global Trade Helpdesk

*kompendji* (dwar l-aċċess għall-finanzi mill-MSMEs immexxija min-nisa [38] u dwar dispożizzjonijiet speċjali għall-MSMEs fi Programmi tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati[39]) imnedija fl-MC13 tad-WTO fi Frar 2024.

# IV. L-indirizzar tal-ostakli u s-sejbien ta' soluzzjonijiet

## IV.1 Is-sitwazzjoni attwali u x-xejriet fl-2023

Fl-2023, ix-xenarju tal-kummerċ globali kien dejjem aktar influwenzat minn taħlita ta' tensjonijiet ġeopolitiċi, fluttwazzjonijiet ekonomiċi u bidliet fil-politiki kummerċjali li għaddejjin bħalissa. Id-dinamika tal-kummerċ kienet ikkumplikata aktar minn tnaqqis fil-volumi tal-kummerċ globali, li jirrifletti perspettiva kawta u, f'xi każijiet, pessimista kemm mill-ekonomiji żviluppati kif ukoll minn dawk li qed jiżviluppaw. Il-kriżijiet reċenti matul l-aħħar ftit snin – b'mod partikolari l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani fixklu l-ktajjen tal-provvista globali u żiedu aktar pressjoni fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali. Fl-istess ħin, it-trasformazzjoni diġitali qed taċċellera, u affettwat il-kummerċ fl-oġġetti u s-servizzi b'mod differenti, filwaqt li l-impatt ekonomiku taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni li segwiet komplew jinħassu.

Fl-istess ħin, **l-ostakli għall-kummerċ li jirrestrinġu l-importazzjonijiet** qed jiżdiedu. Ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet, ir-rekwiżiti tal-kontenut lokali u l-prattiki diskriminatorji, u b'mod aktar ġenerali l-miżuri diretti lejn is-sostituzzjoni tal-importazzjoni (eż. liċenzji mhux awtomatiċi fuq varjetà ta' importazzjonijiet), b'mod partikolari fil-Viċinat tan-Nofsinhar, qed isiru l-istrument tal-politika industrijali tal-għażla għal xi wħud mis-sħab tagħna.

Fost ostakli ġodda, **ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet** (wara l-pandemija, li jaffettwaw l-ikel, il-fertilizzanti iżda wkoll għadd ta' materja prima importanti) ikomplu jaqbżu r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet. In-negozji tal-UE qed jiffaċċjaw ukoll miżuri restrittivi tal-esportazzjonijiet immirati lejn materja prima (kritika) biex joħolqu spazju ta' politika għall-iżvilupp u l-ipproċessar industrijali, b'mod partikolari f'pajjiżi sħab fl-Asja tax-Xlokk (eż. il-projbizzjoni tal-Indoneżja fuq l-esportazzjoni tal-mineral tan-nikil) jew fl-Afrika sub-Saħarjana (eż. il-Ghana, it-Tanzanija jew aktar reċentement il-projbizzjoni tal-esportazzjoni tal-litju min-Namibja u miż-Żimbabwe).

[38] directdoc.aspx (wto.org)
[39] directdoc.aspx (wto.org)

Fl-2023, **ġew irreġistrati** total ta' **16-il ostaklu ġdid**, bil-kategoriji ewlenin ikunu miżuri amministrattivi u ostakli tariffarji (erbgħa rispettivament), filwaqt li tliet ostakli ġodda kienu relatati mat-TBT u l-SPS, rispettivament.

L-2023 għal darb'oħra enfasizzat l-importanza li **jiġu indirizzati u navigati l-ostakli għall-kummerċ u l-miżuri protezzjonisti**, li baqgħu ta' tħassib sinifikanti. Il-pajjiżi u l-blokok kummerċjali tħabtu biex isibu bilanċ bejn il-protezzjoni tal-industriji domestiċi u t-trawwim ta' sistema ta' kummerċ ħieles u ġust.

### A. Stokk ta' ostakli kummerċjali u għall-investiment irreġistrati mill-31 ta' Diċembru 2023

Sa tmiem l-2023, ġew irreġistrati **423 ostaklu għall-aċċess għas-suq attiv**[40] fil-bażi tad-*data* Access2Markets tal-Kummissjoni fi 62 pajjiż terz, jiġifieri 25 ostaklu inqas mis-sena ta' qabel, meta ġew irreġistrati 448. Dan huwa riżultat ta' approċċ duwalistiku: il-ġlieda b'mod attiv kontra l-ostakli eżistenti u t-twettiq ta' rieżami intern biex jiġu eliminati l-ostakli skaduti li ma għadhomx ta' sfida għall-esportaturi tal-UE.

L-Illustrazzjoni 3 ta' hawn taħt turi l-perċentwal ta' ostakli rreġistrati fi tmiem l-2023 għal kull tip ta' ftehim. Is-sħab kummerċjali preferenzjali, b'mod partikolari dawk bi ftehim tat-tieni ġenerazzjoni, kellhom inqas ostakli rreġistrati minn sħab kummerċjali oħra u l-għadd ta' ostakli li ilhom jeżistu kien ukoll aktar baxx.

**Illustrazzjoni 3**: **Perċentwal ta' ostakli rreġistrati skont it-tip ta' ftehim**

[40] Fi tmiem l-2022, l-għadd ta' ostakli kien ta' 448. Fl-2023, ġew irreġistrati 16-il ostaklu ġdid, filwaqt li 21 ġew riżolti kompletament u 20 tneħħew mir-reġistru minħabba li saru obsoleti, u dan wassal għal stokk totali ta' 423 ostaklu fi tmiem l-2023.




Meta wieħed iħares lejn **il-firxa ġeografika tal-ostakli** fl-2023, l-ogħla numru kien għadu rreġistrat fiċ-**Ċina** (33), fir-**Russja** u fl-**Indja** (32 kull wieħed), segwiti mill-**Istati Uniti** (23) u l-**Brażil** (19). Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fl-2022, ħlief li l-Brażil qabeż l-Indoneżja (17). Barra minn hekk, il-pajjiżi terzi b'10 ostakli jew aktar kienu jinkludu t-Turkija (17), il-Korea t'Isfel (16), l-Awstralja (15), il-Messiku (12), l-Alġerija (11), l-Eġittu (11) u l-Malażja (10).

Meta wieħed iħares lejn **it-tipi ta' ostakli għall-kummerċ**, il-miżuri SPS baqgħu l-akbar kategorija (95), li jammontaw għal 22 % tal-ostakli kollha. Dan kien segwit minn miżuri ta' ostakli tekniċi għall-kummerċ (TBT) (78 ostaklu) u miżuri tariffarji u restrizzjonijiet kwantitattivi jew kwoti (70 ostaklu). Flimkien, dawn it-tliet kategoriji ta' ostakli għall-kummerċ ammontaw għal 57 % tal-ostakli attivi kollha. Madankollu, fl-2023 kien hemm tnaqqis qawwi f'żewġ kategoriji, jiġifieri t-tariffi u r-restrizzjonijiet kwantitattivi (70 minflok 79 irreġistrati fis-sena ta' qabel) u "miżuri oħra"[41] (28 meta mqabbla ma' 37 irreġistrati fi tmiem l-2022), u tnaqqis kostanti fil-miżuri relatati mal-SPS mill-2021 (95 meta mqabbel ma' 99 fl-2022). L-għadd ta' taxxi u restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet żdied (20 meta mqabbel ma' 16 fl-2022) meta mqabbel.

L-għadd ta' ostakli rreġistrati fil-kategoriji li jifdal baqa' relattivament stabbli meta mqabbel ma' tmiem l-2022.

**Illustrazzjoni 4: Tipi ta' ostakli fl-2023**

[41] Miżuri oħrajn jinkludu ostakli relatati mal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ (TDIs) u mas-sussidji u miżuri li jaffettwaw il-kompetizzjoni.




### B. Żviluppi fl-ostakli għall-kummerċ u għall-investiment fl-2023

Fl-2023, **l-għadd ta’ ostakli ġodda** rreġistrati **reġa’ żdied** għall-ewwel darba mill-2020, għalkemm l-għadd tagħhom għadu ferm taħt il-livelli ta’ qabel il-COVID.

| Tip ta’ miżura | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|
| SPS | 13 | 2 | 3 | 3 |
| TBT | 5 | 6 | 2 | 3 |
| Tariffi u ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi | 5 | 2 | 3 | 4 |
| Proċeduri ta’ | 5 | 1 | 0 | 4 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| amministrazzjoni | | | | |
| Servizzi u investiment | 4 | 1 | 0 | 0 |
| Miżuri oħrajn[42] | 4 | 2 | 0 | 0 |
| IPR | 1 | 0 | 2 | 0 |
| Akkwist pubbliku | 3 | 2 | 0 | 0 |
| Taxxi u restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet | 1 | 0 | 0 | 2 |
| **Total ġenerali** | **41** | **16** | **10** | **16** |

It-tipi l-ġodda ta' ostakli kienu **proċeduri amministrattivi** u **tariffi u ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi** (erba' ostakli ġodda rreġistrati għal kull tip), segwiti minn **ostakli tekniċi għall-kummerċ** (TBT) u **miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS)**. Fl-2023, l-għadd ta' ostakli ġodda tal-SPS baqa' f'livell relattivament baxx (3), bl-istess mod kif kien il-każ fl-2022 (3) u fl-2021 (2).

Bħal fis-snin preċedenti, il-biċċa l-kbira tal-ostakli l-ġodda kienu jikkonċernaw is-settur tal-**agrikoltura u s-sajd**. L-ostakli orizzontali li affettwaw diversi setturi wkoll kienu qed jiżdiedu.

| Tip ta' settur | Ostakli ġodda 2022 | Ostakli ġodda 2023 |
|---|---|---|
| Agrikoltura u sajd | 5 | 4 |
| Orizzontali | 3 | 5 |
| Inbejjed u spirti | 1 | 1 |
| Industriji oħrajn | 1 | 1 |
| Industrija tal-karozzi | 0 | 2 |
| Farmaċewtiċi | 0 | 2 |
| Estrazzjoni minerarja | 0 | 1 |
| Servizzi | 0 | 1 |
| **Total** | **10** | **16** |

[42] Miżuri oħrajn jinkludu ostakli relatati ma' strumenti għad-difiża tal-kummerċ (TDIs), u ma sussidji u miżuri li jaffetwaw il-kompetizzjoni.

**Illustrazzjoni 5: Firxa ġeografika ta’ ostakli ġodda fl-2023**




Bħal fl-2022, il-Viċinat tan-Nofsinhar laħaq il-lista f’termini ta’ ostakli ġodda (4), segwit mill-Amerka Latina u l-Afrika (3), l-Asja t’Isfel u tax-Xlokk u l-Lvant Imbiegħed (2) u l-Amerka ta’ Fuq u l-Viċinat Ewropew (1). Dan huwa rifless ukoll fl-għadd ta’ lmenti għal kull reġjun (ara l-Illustrazzjoni 5).

### C. Ostakli riżolti fl-2023

Fl-2023, tneħħew **41** ostaklu fi **28 pajjiż sieħeb**. Intużaw strateġiji u strumenti differenti, inkluż l-involviment diplomatiku u/jew bl-użu tal-kumitati maħluqa skont il-**ftehimiet kummerċjali bilaterali u d-WTO**.

60 % tal-ostakli riżolti kienu fis-**settur tal-agrikoltura u s-sajd**. Erbgħa mill-ostakli riżolti affettwaw il-prodotti f’aktar minn settur wieħed, filwaqt li tlieta kienu jikkonċernaw is-**settur awtomobilistiku**. Dan jirrifletti fil-biċċa l-kbira s-sitwazzjoni fl-2022.

**Illustrazzjoni 6: L-għadd ta' ostakli riżolti għal kull settur (2023)**




Fost l-ostakli riżolti, il-**miżuri SPS** (26) reġgħu **fil-quċċata tal-lista**, b'effett pożittiv dirett għas-**settur agroalimentari** Ewropew. Minbarra l-progress fir-**reġjonalizzazzjoni mas-sħab tal-FTA, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel** (ara t-Taqsima II.2 hawn fuq), azzjoni miftiehma bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-setturi kkonċernati kienu il-mutur wara r-riżoluzzjoni ta' għadd ta' ostakli li ilhom jeżistu u partikolarment ta' ħsara f'għadd ta' pajjiżi terzi oħra.

- Pereżempju, l-**Arabja Sawdija waqqfet projbizzjoni** motivata mill-**BSE** (enċefalopatija sponġiformi bovina) **ta' prodotti bovini, ovini u kaprini mill-pajjiżi kollha tal-UE** li damet għoxrin sena, filwaqt li ċ-**Ċina** wara aktar minn 20 sena, fl-aħħar neħħiet restrizzjonijiet simili li jaffettwaw iċ-ċanga mill-Belġju u l-Polonja. Iċ-Ċina tibqa' l-akbar suq ta' esportazzjoni għaċ-ċanga fid-dinja, ċanga speċifikament mingħajr għadam minn annimali taħt it-30 xahar.

- **L-Indoneżja neħħiet it-tariffi u t-taxxi eċċessivi** imposti fuq l-importazzjonijiet tal-UE, u introduċiet struttura ta' tariffi trasparenti u ekwitabbli għas-servizzi ta' kwarantina allinjati mal-istandards internazzjonali. Dan huwa ta' benefiċċju dirett għall-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti agroalimentari lejn l-Indoneżja b'valur ta' EUR 950 miljun fis-sena. L-esportaturi ta' prodotti agrikoli lejn il-**Kolombja**, suq tal-esportazzjoni b'valur ta' EUR 737 miljun fis-sena, ibbenefikaw mit-tneħħija ta' **tariffi eċċessivi għall-valutazzjonijiet tar-riskju** tal-prodotti tal-annimali u tal-pjanti tal-UE, li kienu jammontaw għal EUR 3 000 kull wieħed.

- Sar ukoll progress dwar id-dewmien fit-trattament tal-applikazzjonijiet għall-aċċess għas-suq li saru minn Stati Membri individwali. Wara diversi snin, il-prodotti tal-ħalib Slovakki issa huma milqugħa fil-**Korea t'Isfel**, il-baby kiwis Franċiżi fl-**Istati Uniti**, u l-prodotti Franċiżi tal-laħam tal-majjal fl-**Awstralja**. Ħafna drabi dawn il-proċeduri

jonqsu milli jqisu li l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet SPS hija armonizzata fil-livell tal-UE.

Sitta mill-ostakli li tneħħew kienu **ostakli tekniċi għall-kummerċ (TBT)**, filwaqt li tnejn kienu jikkonċernaw **tariffi u ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi relatati**.

- Ir-regoli restrittivi li jirregolaw it-tikkettar tal-prodotti tal-ikel tneħħew mill-**Perù**. Wara diskussjonijiet fis-sottokumitat tat-TBT tal-FTA bejn l-UE u l-pajjiżi Andini, il-Perù emenda l-leġiżlazzjoni tiegħu biex jippermetti l-użu ta' tikkettar adeżiv fuq prodotti tal-ikel b'mod indefinit. Din hija għajnuna kbira għall-esportaturi tal-UE lejn il-Perù ta' ikel ipproċessat u xorb mhux alkoħoliku, suq b'valur ta' EUR 140-180 miljun fis-sena.

- L-**Arġentina** eliminat is-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni mhux awtomatiċi - wieħed mill-akbar ostakli għall-aċċess għas-suq għall-kummerċ tal-UE fl-Arġentina. L-Istati Membri diġà qed jirrapportaw li l-importazzjonijiet qed jidħlu fil-pajjiż ħafna aktar bla xkiel bis-sistema l-ġdida.

- Filwaqt li ħadmu flimkien, il-Kummissjoni Ewropea, il-**Gvern Ġappuniż** u s-settur privat irnexxielhom jirrimedjaw problema kkawżata minn rekwiżiti addizzjonali li affettwaw l-importazzjonijiet ta' prodotti veterinarji, b'mod partikolari qarrejja tal-RFID tal-annimali (apparat għall-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju).

Meta tindirizza l-ostakli, il-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati tal-UE. Dan isir fi ħdan is-**Sħubija għall-Aċċess għas-Suq**, li tibqa' parti ċentrali tal-istrateġija għall-ġlieda kontra l-ostakli. Is-sħubija tlaqqa' flimkien lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-UE fuq bażi regolari, f'konfigurazzjonijiet differenti. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali tal-Kunsill iqis regolarment ukoll kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u infurzar, inkluż dwar ostakli speċifiċi għall-pajjiż, biex jipprovdi l-ispinta u d-direzzjoni meħtieġa u biex jiżviluppa fehim kondiviż bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-prijoritajiet, ta' x'jeħtieġ li jsir u ta' fejn għandhom jiġu enfasizzati l-isforzi.

Il-ħidma tas-sħubija qabel u matul il-mandat ta' din il-Kummissjoni **lliberat** b'mod sinifikanti **l-esportazzjonijiet tal-UE**. B'mod ġenerali, l-analiżi ekonometrika mwettqa mid-DĠ għall-Kummerċ uriet li bis-saħħa tat-tneħħija ta' għadd ta' ostakli bejn l-2018 u l-2022, l-esportazzjonijiet mill-UE fl-2023 kienu EUR 6,2 biljun ogħla milli kienu jkunu li kieku l-ostakli kienu għadhom fis-seħħ.

## IV.2 Infurzar bilaterali u multilaterali tal-impenji kummerċjali: soluzzjoni għat-tilwim

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-ostakli għadhom qed jiġu indirizzati permezz ta' involviment bilaterali mas-sieħeb kummerċjali permezz ta' kumitati tal-FTA jew kumitati fid-WTO, f'xi każijiet għadu meħtieġ li wieħed jgħaddi għal proċeduri formali ta' tilwim, jew skont ftehim bilaterali jew fid-WTO. Għal dan l-għan, jibqa' **kruċjali li tiġi preservata l-kapaċità li jiġu aġġudikati tilwimiet** bejn il-partijiet.

B'mod partikolari, il-**Ftehim Proviżorju ta' Arbitraġġ tal-Appell bejn Bosta Partijiet** (MPIA) kif ukoll il-ftehimiet ta' arbitraġġ tal-appell "*ad hoc*" għenu biex tiġi preservata l-

aġġudikazzjoni tat-tilwim fid-WTO minkejja l-imblukkar mill-Istati Uniti mill-2019 tal-ħatriet fil-Korp tal-Appell tad-WTO. Bl-adeżjoni tal-Filippini f'Mejju 2024, 54 mill-164 membru tad-WTO issa huma koperti mis-26 parteċipant tal-MPIA. L-ewwel Premju tal-MPIA nħareġ f'Diċembru 2022 f'DS591 f'każ imressaq mill-UE (*il-Kolombja – Ċips Iffriżata*).

**Is-soluzzjoni għat-tilwim** - għalkemm tieħu ż-żmien - tibqa' triq importanti għall-azzjoni ta' infurzar tal-UE. Huwa mod stabbilit sew u orjentat lejn ir-regoli biex jissolva t-tilwim lil hinn mill-politiċizzazzjoni bla bżonn. Billi ssaħħaħ l-istat tad-dritt, is-sistema għas-soluzzjoni għat-tilwim tagħmel ukoll is-sistema kummerċjali aktar sigura u prevedibbli.

L-ebda każ offensiv ġdid ma tnieda mill-UE fl-2023 iżda tnejn ġodda tnedew f'Ġunju 2024:

- Fl-14 ta' Ġunju 2024, l-UE nediet **każ bilaterali għas-soluzzjoni għat-tilwim** kontra l-**Alġerija** skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Alġerija[43] u talbet konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet Alġerini biex jiġu indirizzati diversi restrizzjonijiet imposti fuq l-esportazzjonijiet u l-investimenti tal-UE, inkluż, fost l-oħrajn, sistema ta' liċenzjar tal-importazzjonijiet bl-effetti ta' projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet; sussidji kontinġenti fuq l-użu ta' inputs lokali għall-manifattura tal-karozzi; limitu fuq is-sjieda barranija għall-kumpaniji li jimportaw oġġetti fl-Alġerija u projbizzjoni fuq l-importazzjoni taċ-ċeramika u l-irħam. Bl-impożizzjoni ta' dawn il-miżuri restrittivi kummerċjali mill-2021, l-Alġerija, fil-fehma tal-UE, ma hijiex qed tirrispetta l-impenji tagħha ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Alġerija.

- Fis-26 ta' Ġunju 2024, l-UE talbet konsultazzjonijiet dwar **is-soluzzjoni għat-tilwim** fid-**WTO** dwar l-użu mit-**Tajwan** ta' kriterji tal-kontenut lokali għal proġetti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta (DS625, *it-Tajwan – l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta*). Fil-fehma tal-UE, l-eliġibbiltà tal-kontenut lokali tat-Tajwan u l-kriterji tal-għoti fl-irkanti tal-allokazzjoni tal-kapaċità tal-enerġija għall-parks eoliċi lil hinn mill-kosta huma inkonsistenti mal-impenn tiegħu tad-WTO li ma jiddiskriminax kontra oġġetti u servizzi importati.

Matul il-perjodu ta' rapportar, **in-naħa tal-UE kompliet ukoll tingrana l-infurzar legali** u setgħet tikseb ħelsien f'għadd ta' każijiet. Fil-każ DS583 (*it-Turkija – pharma*), it-tilwima tad-WTO rnexxielha treġġa' lura l-politiki tat-Turkija dwar il-lokalizzazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-prodotti farmaċewtiċi.

**Fl-istess ħin, ir-rebħ ta' każ mhux dejjem jissarraf fit-tneħħija immedjata** tal-miżura jew tal-politika restrittiva. F'xi każijiet, il-pajjiżi sħab jistgħu jinvolvu ruħhom f'tattiki ta' dewmien jew jieħdu miżuri li fil-fatt ma jirriżultawx f'konformità. F'dan ix-xenarju, il-Kummissjoni se tieħu l-passi meħtieġa biex tiddefendi l-interessi tal-UE (jiġifieri tniedi proċedimenti ta' konformità jew saħansitra tqis ritaljazzjoni) biex iżżomm il-pressjoni biex tiżgura t-tneħħija tal-ostakli. Dan huwa l-każ għal DS591 (*il-Kolombja – Ċips iffriżata*) u

[43] https://circabc.europa.eu/ui/group/09242a36-a438-40fd-a7af-fe32e36cbd0e/library/46ce9fe8-838a-4d71-8dde-9f4cd9976d3e/details?download=true

DS577 (*l-Istati Uniti – Żebbuġ misjur*) fejn tnedew proċedimenti ta' konformità (ara l-informazzjoni fit-Taqsima I.1 hawn fuq).

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kompliet bl-isforzi tagħha biex **tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjonijiet tal-bord** favur l-UE. Biex tagħmel dan, qed tagħmel użu sħiħ mill-possibbiltajiet offruti mill-iskema għas-soluzzjoni għat-tilwim tad-WTO u mir-**Regolament dwar l-Infurzar**[44] imsaħħaħ tal-UE. Dan l-aħħar l-UE ffaċċjat l-imblukkar tal-aġġudikazzjoni finali ta' tilwim fi ħdan is-sistema tad-WTO, eż. il-każ DS592 (*l-Indoneżja-il-mineral tan-nikil*), fejn l-Indoneżja appellat lill-Korp tal-Appell tad-WTO li ma jaħdimx, u l-każ DS582 *(ICT India – it-tariffi fuq prodotti tal-ICT)* fejn l-Indja appellat bl-istess mod wara kważi sena ta' impenn biex tinstab soluzzjoni. Fl-2023, il-Kummissjoni nediet l-ewwel konsultazzjoni pubblika dwar l-użu possibbli tar-Regolament dwar l-Infurzar kontra l-Indoneżja, u qed tqis li tapplika kontromiżuri xierqa u proporzjonati filwaqt li għaddejjin diskussjonijiet mal-pajjiż dwar soluzzjoni possibbli.

## IV.3 Il-Punt ta' Dħul Uniku

Il-**Punt ta' Dħul Uniku** kompla jipprovdi pjattaforma unifikata u punt uniku ta' servizz, filwaqt li ssimplifika l-proċess għall-partijiet ikkonċernati biex jirrapportaw l-ostakli lill-Kummissjoni u beda proċess effiċjenti għall-valutazzjoni tal-ilmenti. Il-progress fl-2023 jenfasizza d-dedikazzjoni tal-UE għall-promozzjoni ta' kummerċ ġust u objettivi ta' sostenibbiltà permezz ta' proċessi simplifikati u involviment imsaħħaħ tal-partijiet ikkonċernati.

**Il-Punt ta' Dħul Uniku: Kif jaħdem?**

L-ilmenti jistgħu jiġu sottomessi billi jimtlew il-**formoli online** rilevanti (waħda għal kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq u waħda dwar kwistjonijiet relatati mat-TSD/mal-SPĠ), disponibbli fuq Access2Markets[45]. Dawn il-formoli huma mfassla biex jipprovdu lid-DĠ għall-Kummerċ b'informazzjoni suffiċjenti biex iwettaq valutazzjoni inizjali tal-kwistjoni inkwistjoni u jqis is-segwitu xieraq. F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni/id-DĠ għall-Kummerċ irrevedew u komplew jissimplifikaw il-linji gwida operattivi għall-Punt ta' Dħul Uniku[46] u ħarġu bi skeda ta' żmien indikattiva ta' 120 jum tax-xogħol għat-trattament tal-ilmenti dwar it-TSD. Jingħataw ukoll kjarifiki f'laqgħat ta' qabel is-sottomissjoni ma' ilmentaturi potenzjali u laqgħat sussegwenti ladarba jkun wasal l-ilment. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiftaħ ilment fuq inizjattiva tagħha stess ("*ex officio*") biex issegwi l-każijiet.

Kif muri fl-Illustrazzjoni 7 hawn taħt, il-Punt ta' Dħul Uniku rċieva lmenti dwar l-ostakli li ltaqgħu magħhom f'20 pajjiż sieħeb, li jkopru r-reġjuni ġeografiċi kollha. F'konformità max-xejra osservata fl-2022, kwart kien jikkonċerna allegati ostakli kummerċjali fil-Viċinat tan-Nofsinhar (seba' ostakli), tnaqqis minn 33 % fl-2022. Kważi għoxrin fil-mija tal-ostakli rriżultaw fl-Asja t'Isfel u tax-Xlokk u fl-Ewropa u fil-Viċinat tal-Lvant, rispettivament, b'dawn it-tliet oqsma jammontaw għal 61 % tal-ilmenti kollha li waslu.

[44] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0167
[45] https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/mt/contact-form
[46] https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/en/form-assets/operational_guidelines.pdf

**Illustrazzjoni 7: Ilmenti li waslu mill-Punt ta' Dħul Uniku fl-2023, għal kull reġjun**




Fl-2023, **it-tielet sena sħiħa** tal-operat tiegħu, il-**Punt ta' Dħul Uniku** rċieva 28 ilment estern mill-partijiet ikkonċernati tal-UE. Il-maġġoranza l-kbira (24) tressqu min-negozji tal-UE, jiġifieri 16-il ilment tnedew minn kumpaniji tal-UE, sitta minn assoċjazzjonijiet kummerċjali Ewropej, u tnejn minn assoċjazzjonijiet kummerċjali nazzjonali. Iż-żewġ ilmenti li fadal tnedew mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bdiet tħares lejn żewġ ilmenti fuq inizjattiva tagħha stess.